# il-Gżejjer

IS-SITT SENA OTTUBRU, 1977 NRU. 74

## F'Diskors lin-Nazzjon fuq il-Mezzi tax-Xandir

# IL-PRIM MINISTRU JĦABBAR ŻIDIET LIL KULL FAMILJA

**Il-Prim Ministru s-Sur Dom Mintoff f'diskors lin-Nazzjon Malti minn fuq il-mezzi tax-Xandir nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru, ħabbar żieda komplessiva ta' mhux anqas minn £M58 fis-sena lill-ħaddiema kollha u l-familji tagħhom f'forma ta' żieda diretta fil-pagi u żidiet oħra fl-Allowance tat-Tfal. Il-Prim Ministru ħabbar ukoll żieda fil-pensjonijiet kollha u ħabbar li għall-ewwel darba, il-Gvern se jestendi l-għajnuna lill-familji ta' aktar minn tlett itfal taħt is-16-il sena u għal dawk it-tfal kollha ta' fuq is-16 il-sena li jkunu jew studenti jew ikunu jirreġistraw għax-xogħol. Żieda oħra hija ta' 10 ċenteżmi fil-ġimgħa biex tagħmel tajjeb għal żidiet fin-nollijiet tal-karozzi tal-linja u xi għoli ieħor li jista' jkun hemm.**

**Il-Prim Ministru qal li ż-żieda fil-pagi li kienet tammonta għal tnejn fil-mija se tingħata minħabba żieda fil-produzzjoni filwaqt li ż-żidiet l-oħra se jingħataw minħabba t-tneħħija tas-sussidju li kien ġie introdott f'Malta fi żmien il-gwerra.**

**Dawn iż-żidiet kienu parti żgħira biss mid-diskors tal-Prim Ministru li fih hu tkellem fit-tul dwar ir-relazzjonijiet industrijali u dwar il-ġejjieni ta' Malta fil-qasam politiku, industrijali u ekonomiku:**

### ĦADDIEMA AKTAR EFFIĊJENTI

"Meta għamilna l-programm ma' sħabna tal-G.W.U. aħna ftehmna li biex pajjiżna jieħu r-ruħ hemm bżonn li l-ħaddiem ikun aktar żvelt, ikun aktar effiċjenti, ikun aktar intelliġenti. Dan il-programm, in Nazzjon tagħna aċċettatu, rieditu, u fuq dan il-programm mexjin f'dawn it-tieni ħames snin ta' Gvern Soċjalista. Mal-G.W.U. aħna ftehmna kif il-ħaddiem għandu jkun aktar



effiċjenti u ftehmna illi nibdew biex il-festi fl-irħula, dawk il-festi li kienu jsiru matul il-ġimgħa, dawk il-festi mhux kmandati jibdew isiru nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd.

"L-istorja tal-leave ma kienitx għal kulħadd l-istess. F'pajjiżna kien hemm ħafna ħaddiema li għandhom ferm anqas minn dak li qed nagħtuhom illum. U aħna u l-G.W.U. flimkien rajna li wieħed mis-sagrifiċċji żgħar li jistgħu jsiru f'pajjiżna biex immorru 'l quddiem kien li dawk il-ħaddiema li għandhom ħafna leave inaqqsu u dawk li għandhom ftit inserħuhom u nagħtuhom leave aktar għax b'hekk ikunu jistgħu jaħdmu aħjar u jkabbru l-produzzjoni.

"Aħna rranġajna li l-'leave' ikun sitt ijiem kmandati fis-sena u 20 jum 'leave'. Dawn ifissru (għal min qed jaħdem ħamest ijiem fil-ġimgħa) erba' ġimgħat leave. Dana jfisser ukoll li min għamel is-sagrifiċċju u naqqasnilu mil-leave, — u kien hemm min għamel dan is-sagrifiċċju u għamlu mill-qalb u bil-kwiet għalkemm kien hemm min werżaq tant żejjed li naffar u

urta lil kulħadd — min għamel dan is-sagrifiċċju m'għamlux biex jagħmel pjaċir lili jew lil xi ħadd mill-Ministri, imma għamlu biex ferraħ lil sieħbu li issa għall-ewwel darba għandu sitta u għoxrin jum leave; għamel ġid lil sieħbu. U n-numru ta' dawn is-sħab ħaddiema, sħabna, li qabel ma kellhomx sitta u għoxrin jum leave — kif infurmat mill-Ministeru tax-Xogħol — jilħaq aktar minn erbgħin elf ħaddiem.

## ŻIEDA FL-ESPORTAZZJONI

"Paragun mas-seba' xhur tas-sena l-oħra, (li allaħares nipparagunawhom ma' l-antik, għax tkunu tafu kemm imxejna 'l quddiem) aħna żidna, fl-ewwel seba' xhur ta' din is-sena, l-esportazzjoni bi £M15,000,000 jiġifieri b'aktar minn 35 fil-mija.

U sibna li nistgħu nżidu l-pagi mill-15 ta' Ottubru bi 2% lil kulħadd.

"Anzi biex liż-żgħir ngħinuh aktar aħna rajna li jkun xieraq li, minn it-2% ma titlagħlux £M22 fis-sena, lil dan intuh £M22 fis-sena.

## IL-KAROZZI TAL-LINJA

"Fuq kollox irridu li s-sidien tal-karozzi tal-Linja jgħinuna ħalli dan is-servizz nirranġawh għax inkella dan is-servizz sejjer jispiċċa għal kollox b'dannu tagħhom u b'dannu tal-poplu Malti kollu.

"Minn hawnhekk nixtieq ngħid lis-sidien tal-karrozzi tal-linja li aħna rridu ngħinuhom basta huma jgħinu lilna biex ikun hemm ftit ordni u ftit tas-serjetà fis-servizz tant importanti għall-ħaddiem Malti.

"Aħna rridu nagħtu ż-żieda. Għall-ewwel nagħtu żieda li nkunu ċerti li hemm bżonnha u jekk is-servizz jitjieb, aħna 'l quddiem nagħtu żiediet oħra. Huwa xieraq li poplu, tat-tajjeb, iħallas bit-tajjeb. Mhux xieraq li tal-ħażin iħallas bit-tajjeb.

"Il-pagi se jogħlew ukoll b'10 cents fil-ġimgħa biex jagħmlu tajjeb għaż-żidiet li jista' jkun hemm fil-prezzijiet tal-ħajja kemm fuq il-karozzi tal-linja, kemm f'xi affarijiet oħrajn.

## ŻIDIET U TNEĦĦIJA TAS-SUSSIDJI

"Mill-15 ta' Ottubru se nibdew inżidu l-pagi b'60c fil-ġimgħa ħalli din il-paga tagħmel tajjeb għar-razzjon ta' ħobż, żejt u affarijiet oħra li konna nagħtu għal tnejn min-nies (raġel u l-mara) u jinqatgħu ċ-ċekkijiet tal-ħobż u jinqata' r-razzjon taż-żejt u ta' xi affarijiet żgħar oħra.

"Żieda fiċ-Children's Allowance għal kull tifel /tifla tkun ta' 30 ċenteżmu fil-ġimgħa. Jekk ikun hemm żewġt itfal 60 ċenteżmu u jekk ikun hemm tlieta ż-żieda tkun ta' 90 ċenteżmu fil-ġimgħa biex jagħmel tajjeb għas-sussidju.

"Fejn hemm aktar minn tlett itfal ta' anqas minn 16-il sena il-familja tagħmel applikazzjoni lid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali u l-Gvern jagħti lil dik il-familja għal kull tifel u tifla 30 ċenteżmu fil-ġimgħa.

"It-tfal li jkunu għadhom kemm għalqu s-16-il sena u jkunu qed jirreġistraw għax-xogħol u jkunu għadhom qatt ma ħadmu u lil dawn, meta l-familja tagħmel applikazzjoni il-Gvern Soċjalista jagħtihom 40 ċenteżmu fil-ġimgħa.

"Dawk l-istudenti fuq is-sittax il-sena se nagħtuhom 50 ċenteżmu fil-ġimgħa.

"L-pensjonanti ta' taħt in-National Insurance, raġel u mara flimkien se nżiduhom 60 ċenteżmu fil-ġimgħa. Jekk ikun persuna waħda, aħna se nżiduh b'40 ċenteżmu fil-ġimgħa. L-istess se nagħmlu għal dawk li qegħdin bil-pensjoni mhux kontributorja u dawk li qegħdin jieħdu l-għajnuna tar-relief.

"Din iż-żieda flimkien se tfisser illi mill-15 ta' Ottubru 'l quddiem il-paga ta' kulħadd se tiżdied mill-inqas bi £M58 fis-sena.

## INŻOMMU KELMITNA MAL-ĦADDIEM

"Aħna għidnilhom lill-industrijalisti Maltin: intom bħalna ma tridux li nonqsu minn kelmitna lill-ħaddiem Malti. Aħna lill-ħaddiem tajnih il-kelma li meta tiżdied il-produzzjoni intejbulu l-kundizzjoni tiegħu. Lill-ħaddiem irridu nuruh illi hemm is-serjetà f'min imexxih u jekk l-kelma tajniha rridu nżommuha.

"Il-poplu jaf li l-ħajja ta' nazzjon hija bħal ħajja fil-familja. Meta l-missier jirnexxilu li jġib il-ġid id-dar, dak il-ġid irid jinqasam bejn kulħadd u meta ma jirnexxilux kulħadd irid jistinka u jġib hu. Aħna, s-sena li ġejja jista' jkun li niltaqgħu mal-maltemp u rridu flimkien aktar ma jkun maltemp aktar ningħaqdu u aktar naħdmu u mhux naqtgħu qalbna u ngħerqu.

## NAQTGĦU D-DRAWWIET ĦŻIENA

"Pajjiżna jrid jifhem li m'hemm l-ebda garanzija, li anke jekk naħdmu, se nimxu aktar 'l quddiem. Li huwa ċert hu li min ma jaħdimx se jmur lura żgur. Min jaħdem, anke mhux tort tiegħu, jiġru xi affarijiet li jitfgħuh lura. Aħna, dak li hu tajjeb issa nagħmluh u ċerti li l-poplu tagħna jifhem li hemm bżonn li naqtgħu d-drawwiet ħżiena tal-imgħoddi u naħsbu biex 'l quddiem jiġri x'jiġri inkunu nistgħu ngħixu aħjar.

"U x'inhuma dawn id-drawwiet? Donnu hawn min jaħseb li f'pajjiżna ma nbidel xejn.

"Donnu f'pajjiżna hawn min jaħseb li t-tarzna għadha tar-Reġina Elizabetta u aktar ma kapaċi aħna nisfurzawha biex tgħolli l-pagi, aktar inkunu bravi. U konna bravi fl-imgħoddi u sfurzajnieha lir-Reġina biex iżżid il-pagi.

"Dak iż-żmien imma issa spiċċa. U qed ngħid dan b'eżempju għax f'ħafna postijiet spiċċaw dawn l-affarijiet.

"Aħna konna bħall-ilsiera, taħdem u jagħtik il-paga. Jekk l-ilsier jieqaf fuq saqajh u jibda' jagħti, is-sinjur forsi jagħti każ tiegħu.

## TARZNA TAL-ĦADDIEMA

"Illum dan spiċċa. Illum it-tarzna saret tal-ħaddiema. Illum il-qliegħ li jiġi mit-tarzna jin-

qasam bejn il-ħaddiema. Illum min imexxi t-tarżna huwa magħżul mill-ħaddiema.

"Li l-ħaddiema għadhom forsi ma fehmux huwa l-fatt li inti billi tagħżel min imexxik imbagħad wara ma tagħtihx l-għajnuna biex dawk l-affarijiet li jgħidulek li huma tajba twettaqhom. B'hekk ma tkun wasalt imkien.

"Żdiedet il-produzzjoni u żdiedet l-esportazzjoni għaliex ħdimna ħafna nies flimkien; u mhux għax ħdimt jien waħdi.

"Hekk ukoll meta l-ħaddiema jagħżlu il-Kumitat tagħhom biex imexxihom fit-Tarzna. Il-Kumitat jista' jgħid li għandu bżonn isir hekk. U jekk jgħid ħażin, il-ħaddiema għandhom jgħidulu: aħna naħsbu li mhux hekk imma għandu jsir hekk u hekk biex ix-xogħol jikber u ma jkunx hemm ħela u biex ma jkunx hemm min jitgħattan bix-xogħol u min jibqa' frisk qisu ballarina. Dan, il-ħaddiema jridu jgħiduh u biex isir dan iridu jitwaqqfu dawn il-kumitati. Kullimkien, kull fejn hemm il-produzzjoni fit-Tarzna. U dawn il-kumitati jridu jieħdu interess biex jaraw li l-qliegħ jikber u ħalli jkun hemm aktar x'jinqasam meta tispiċċa s-sena.

"U din ir-riforma l-ġdida, il-mod kif għandna mmexxu din bnadijiet oħrajn, isejħulha mhux libertà biss, isejħulha demokrazija industrijali, il-veru demokrazija jiġifieri l-veru saħħa f'idejn il-poplu — veru saħħa f'idejn il-ħaddiem.

"Għalhekk aħna ngħidu li t-'Trade Unions' li huma verament liberi huma dawk li jridu jagħtu s-saħħa lill-ħaddiem u li qed ifehmuh li l-affarijiet inbidlu u mhux qed jisservew bil-ħaddiem biex jibqa' injorant.

## ŻEWĠ SETTURI TA' L-EKONOMIJA

"F'pajjiżna hemm żewġ setturi ta' l-ekonomija u ċar li aħna rridu nagħmlu distinzjoni bejn dawn iż-żewġ setturi. Għandna settur fejn jikkmanda **l-poplu** u l-qliegħ imur għall-poplu u t-telf imur għall-poplu, u għandna s-settur fejn għadu jikkmanda **l-privat** — jista' jkun barrani u jista' jkun Malti — u dan igħid tindaħlulix kif immexxi għax qliegħ u telf għalija.

## IS-SETTUR F'IDEJN IL-ĦADDIEM

"Fis-settur li huwa f'idejn il-ħaddiem, il-ħaddiem irid bilfors jingħaqad f'kumitati ta' workshops ħalli jara kif se jtejjeb l-pożizzjoni tiegħu. Mhux billi jgħid li jrid paga iżjed għax ikun qisu qed jgħid li jrid imur il-ġenna. Kulħadd jaf li biex tmur il-ġenna trid tkun qlajtha u ħdimt għaliha. Hekk ukoll il-paga, trid tkun ħdimt għaliha.

"U biex min ikun qed imexxi, jkun qed imexxi tajjeb, l-ewwel ma jrid jara huwa kif se jżid il-produzzjoni, kif se jżid il-bejgħ barra minn Malta Meta jagħmel dan ikun għamel l-akbar servizz li jista' jagħmel lill-ħaddiema. Għax imbagħad il-ħaddiema jiltaqgħu flimkien u jgħidu: ħalli naraw dan il-frott kif se naqsmuh.

## IS-SETTUR TAL-PRIVAT

"Niġu għas-settur privat. Hemm żewġ kwalitajiet ta' sidien. Is-sid li jgħid 'ejja ħaddiem, ibgħat ir-rappreżentant tiegħek, naraw x'qed nagħmlu u kif intejbu l-produzzjoni, ara kemm qed naqla' u ma naqlax, għini u jien lest li naqsam il-frott miegħek'.

"Lil dan jekk tmur tgħamillu 'strike' hekk addoċċ u tgħidlu ma rridx naħdimlek hawn tkun ibleh.

"Iżda hemm oħrajn imbagħad li lill-ħaddiem jgħidulu 'inti qiegħed hemm għall-paga u biex taħdem u għalhekk biss qiegħed hemm int". Lil dan meta titolbu u ma jagħtikx ma jkollokx mod ieħor ħlief li tgħidlu 'Ejja naraw min hu b'saħħtu l-iżjed minna. Ħalli nagħmlu strajk'.

"U għalhekk sħabna tal-G.W.U. fejn jimxu mod u fejn jimxu ieħor. Mhux għax mhux liberi daqs ħaddieħor.

## JINGĦAQAD IL-ĦADDIEM

"Aħna lil dawn li qed jitkellmu fuq il-libertà llum ngħidulhom li anqas kienu jafu xi tfisser meta sħabna marru l-ħabs għaliha din. Meta aħna bdejna ngħaqqdu l-ħaddiema flimkien.

"Minn dan kollu jidher li n-nazzjon tagħna jista' jimxi 'l quddiem jekk aħna nibdlu malajr id-drawwiet ta' l-imgħoddi meta ċ-ċirkostanzi ta' quddiemna jkunu biddlu l-affarijiet li jiġġustifikaw dawk id-drawwiet.

"Meta f'Malta l-ħaddiema ma kienux jieħdu leave ħlief għaliex ikun hemm festa kmandata, kien sewwa li kien ikun hawn festi kmandati. Allaħares ma kienx hawn dawn għaliex kieku l-ħaddiema kienu jibqgħu jaħdmu minn meta titla x-xemx sa ma tinżel; il-jiem kollha.

## L-ISFIDA TAL-1979

"Għad irridu nagħmlu ħafna riformi biex veru nkunu għamilna ħilitna kollha ħalli pajjiżna jilqa' l-isfida tal-1979.

"Jiena naf illi l-poplu Malti għażel lilna, lill-G.W.U. u lill-Partit Soċjalista, biex immexxu lil pajjiżna f'dawn iż-żmenijiet għax jaf illi aħna lesti biex nagħmlu s-sagrifiċċji kollha ħalli din il-pagna glorjuża fl-istorja ta' pajjiżna niktbuha bil-ferħ ilkoll flimkien fl-1979. Jiena naf li l-industrijalist Malti, il-ħaddiem Malti veru, u dawk kollha li jridu jġibu l-ġid għal pajjiżhom ma jridux li aħna nerġgħu lura fi żmenijiet ta' taħwid li kellna ftit snin ilu meta anqas biss il-port tagħna ma kien jaħdem.

"Jien ċert u naf li ż-żgħażagħ li telgħin illum huma kburin illi pajjiżna qed jinbidel minn pajjiż antikwat u mmuffat taħt il-ħakkma tal-barrani għall-pajjiż li jrid jimxi 'l quddiem bħall-aħwa ma' kulħadd fis-sliem.

"Għalhekk jien ċert li lkoll flimkien fix-xhur li ġejjin se nħabbtu wiċċna ma' ħafna kuntrarji, imma se nħabbtu wiċċna daħkan mimli kuraġġ, se nħabbtu wiċċna mimlijin b'determinazzjoni li din l-istorja ta' pajjiżna tintemm fil-ġid u l-prosperità għal kulħadd."

# inti u l-liġi

*Għandi post mikri għand wieħed b'ċens u dan idum ma jiġi jħallasni tal-kera. Għalhekk kull darba jkolli niktiblu ħafna drabi u mbagħad jiġi. Issa din id-darba ktibtlu kemm-il darba u għadu ma ġiex u ilu li l-kera għalaqlu fuq it-tlett xhur. X'nista' nagħmel jekk jogħbok?*

Għalkemm inti ktibli li l-post "mikri b'ċens, il-post m'hu mikri xejn. Inti għandek kuntratt ta' 'ċens', u mhux ta' kera. Kieku kien kera, kont tkun tista' titolbu l-ħlas tal-kera meta jagħlaq. Jekk ma jħallasx, u l-kera jerġa' jagħlaq għat-tieni darba, kont terġa' titlobulu; u jekk jgħaddu ħmistax-il ġurnata mit-tieni talba u l-kerrej jibqa' ma jħallasx, kont tkun tista' tagħmillu kawża biex tieħu l-post lura. Imma fiċ-ċens ma jsirx hekk. Għaċ-ċens hemm proċedura differenti. Skond l-artikolu 1605, jekk iċ-ċenswalist jonqos li jħallas għal tliet snin, anki jekk ma tkunx tlabtu l-ħlas tista' tagħmel kawża biex tieħu l-fond lura.

* * *

*Kont għamilt prokura lil wieħed biex jiġborli xi flus minn għand il-pitkal. Kien hemm min qalli li bis-saħħa ta' dik il-prokura, il-prokuratur ikun jista' joħodli l-flus li għandi fil-Bank u anki jbiegħli ħwejġi. Dan veru?*

Hemm żewġ kwalitajiet ta' prokura. Hemm il-prokura *ġenerali* u hemm il-prokura *speċjali.* Meta l-prokura tkun *ġenerali,* il-prokuratur ikun jista' jagħmel ħwejġek kollha, ikunu flus, oġġetti mobbli (bħal għamara u deheb) u oġġetti immobbli (bħal bini u art) dak kollu li tista' tagħmel int. Il-prokura *speċjali* tagħti lill-prokuratur is-setgħa li jidher minn flokok fuq xi att speċjali, per eżempju biex jirtira xi flus tiegħek minn għand pitkal, jew xi Bank; jew biex jidher minn flokok fuq xi kuntratt. Għalhekk trid tara li l-prokuratur tiegħek ikun persuna li tista' tafdaha. Mela staqsi lil min għamillek il-prokura li jaqrahielek u jfiehemhielek sewwa.

* * *

*Meta jsir testment, wara kemm suppost li dan jiġi insinwat?*

Kwalunkwe att pubbliku, testment jew kuntratt, irid jiġi reġistrat jew insinwat fir-Reġistru Pubbliku fi żmien ħmstax-il ġurnata.

## LIL DAWK LI JSUQU

**IT-TFAL huma f'periklu speċjali — partikolarment dawk li għandhom anqas minn ħames snin u dawk li jkunu fuq 'bicycle'. Ipproteġihom u ħarriġhom fil-ħarsien mill-periklu fit-triq.**

**IN-NIES XJUĦ jistgħu jirreaġixxu bil-mod. Id-diffikultajiet tagħhom qegħdin jiżdiedu biż-żieda kontinwa tat-traffiku tal-karrozzi. Agħtihom attenzjoni kbira.**

**IN-NIES GĦOMJA ukoll jeħtieġu l-għajnuna tiegħek. Agħti kull attenzjoni u għajnuna lil dawk li tara mexjin bil-bastun abjad.**

---

**IS-SAĦĦA hija importanti. Kun żgur li inti f'siktek meta tuża t-triq. Ħu ħsieb li ħaddieħor jista' jkollu vista difettuża, nuqqas ta' smigħ jew ikun għajjien.**

**IX-XORB, ukoll jekk meħud fi kwantitajiet żgħar, jagħmlek anqas żgur waqt li tkun qed issuq. L-unika regola ta' sigurtà hi LI JEKK TKUN SER ISSUQ, TIXROBX. L-istess japplika għal drogi mediċinali.**

---

**ID-DWAL, BRAKES, STEERING U TYRES għandhom jiġu iċċekkjati ta' spiss. Nuqqas ta' kura tagħhom jista' jikkaġuna disgrazzja. Il-ħġieġ tal-vettura għandhom ikunu indaf sabiex tkun tista' tara sewwa minnhom.**

**MIN IKUN QED ISUQ MUTUR għandu dejjem jilbes l-elmu biex jipproteġih.**

**META TAVVIĊINA 'ZEBRA CROSSING' kun dejjem lest biex tnaqqas il-veloċità jew tieqaf sabiex tagħti d-dritta lil min ikun qed jaqsam.**

**Mill-banda l-oħra MIN IKUN QED JAQSAM min fuq 'Zebra Crossing' għandu joqgħod attent u ma jaqsamx it-triq bl-addoċċ.**

# .....fil-qosor

## GROUND TAL-FOOTBALL F'TA' QALI

Waqt ċerimonja li saret it-Tnejn 12 ta' Settembru, l-Ambaxxatur tal-Gemahirija Għarbija Libjana Popolari u Soċjalista s-Sur Mohammed Jellala ippreżenta ċekk ta' mitt elf dollaru, ekwivalenti għal £M42,000 lill-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti tal-Poplu. Din is-somma hija l-ewwel parti minn somma ta' 700,000 dollaru Amerikan li l-Kurunell Muammar Gaddafi se jagħti lill-Gvern Malti. Din l-għotja se tmur għall-bini ta' 'ground' tal-football f'Ta' Qali.

Din l-għajnuna għall-bini ta' dan il-'ground' tal-football kienet saret mill-Kurunell Gaddafi waqt żjara ta' tlett ijiem li kien għamel f'Malta f'Diċembru, 1974.

## GĦOTJA TA' TAPES LID-DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI



*Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni jirċievi l-għotja ta' tapes mingħand Mr Salmon.*

Dan l-aħħar fid-Dipartnment ta' l-Edukazzjoni, ir-Rappreżentant tal-British Council f'Malta, Mr H. R. H. Salmon, ippreżenta sitt mitt tape vojta lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr Francis Chetcuti.

Dawn it-tapes ingħataw mill-British Council biex jintużaw ma' l-iskema tal-qari ta' l-Ingliż imsejħa 'Lady Bird'.

Bħalissa d-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għandu proġett biex ikompli jgħolli l-livell tal-qari ta' l-Ingliż fl-iskejjel Primarji. Għalhekk id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ħaseb biex jipprovdi l-iskejjel b'cassettes u tape recorders biex b'hekk kull skola jkollha sett ta' sitt tapes biex jakkompanja l-'Ladybird Keyboard Reading Scheme'. It-tapes mogħtija mill-'British Council' issa se jiġu duplikati fil-Laboratorju tal-Lingwi ta' l-Università b'arranġament speċjali mal-'Ladybird Books Ltd.' li pprovdew "master copies" tagħhom.

Din l-iskema qed tingħata spinta wara stħarriġ li sar mill-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, Sezzjoni Primarji, flimkien ma' uffiċjali tad-Dipartiment megħjuna mill-Konsulent għat-Tagħlim ta' l-Ingliż.

Id-Direttur ta' l-Edukazzjoni rringrazzja lil Mr Salmon u lil Ladybird Ltd., għal din il-għotja u qal li se tkun ta' għajnuna kbira biex din l-iskema tkun suċċess.

## FTEHIM BEJN IL-MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI U L-KUMPANIJA AMERIKANA, READING AND BATES DRILLING CO.

Dan l-aħħar fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, ġie ffirmat ftehim bejn il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Kumpanija Amerikana, Reading and Bates Drilling Co., li permezz tiegħu l-kumpanija msemmija ingħatat il-permess li twaqqaf u tamministra skola fil-post fejn qabel kien hemm l-Iskola tas-Servizzi ta' Verdala fil-Cottonera.

Il-ftehim ġie ffirmat mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, Dr. Francis Chetcuti għan-nom tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u għan-naħa tal-Kumpanija Amerikana minn Mr Don. L. McIntire, Personnel Manager.

It-taħditiet bejn il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u d-diriġenti tal-kumpanija 'Reading and Bates' bdew meta f'Settembru, 1976 din il-kumpanija għamlet talba biex twaqqaf skola f'Malta għat-tfal ta' dawk il-familji li temporanjament ikunu jgħixu f'Malta għax żwieġhom ikunu jaħdmu ma' kumpaniji taż-żejt. Minn dak inhar saru diversi diskussjonijiet bejn id-diretturi ta' dik il-kumpanija u l-Gvern Malti. Dawn id-Diretturi kellhom ukoll diversi laqgħat mal-Prim Ministru, mal-Ministru tal-Ġustizzja u l-Ministru ta' l-Iżvilupp. Dawn id-diskussjonijiet wasslu biex ġie ffirmat il-ftehim li fost ħwejjeġ oħra jinkludi dawn il-punti:

Il-kumpanija twaqqaf skola bl-isem ta' Verdala School, Malta, bi spejjeż tagħha għad-dipendenti ta' l-impjegati tagħha u ta' kumpaniji oħra taż-żejt.

Il-kumpanija trid taċċetta ta' l-inqas mitt (100) student Malti f'din l-iskola u tatihom l-istess tagħlim u faċilitajiet li tagħti lill-istudenti tagħha. Forms IV, V u VI u VII Upper Secondary fix-Xjenza u Matematika.

Il-kumpanija trid ukoll tipprovdi laboratorju tax-Xjenza u tagħmir edukattiv ieħor li jkun jiswa 300,000 dollaru Amerikan, kif ukoll numru ta' għalliema barranin bl-aqwa kwalifikazzjonijiet biex jgħallmu x-Xjenza u l-Matematika.

L-għalliema l-oħra jkunu Maltin u barranin filwaqt li s-"supporting staff" ikun kollu Malti.

Wieħed mill-membri tal-Bord tat-Tmexxija ta' din l-iskola irid ikun Malti maħtur mill-Gvern u mħallas mill-istess kumpanija. Dan il-membru jkun imsejjaħ "Counseller" u fost affarijiet oħra, jara li tinżamm id-dixxiplina u s-serjetà.

Filwaqt li l-Gvern Malti joffri l-użu tal-faċilitajiet ta' l-Iskola ta' Verdala fil-Cottonera, il-kumpanija tieħu ħsieb il-manutenzjoni, it-tibdiliet u t-tiswijiet meħtieġa fil-post.

Jekk u meta jintemm dan il-ftehim, l-iskola bl-apparat u laboratorji jgħaddu kollha f'idejn il-Gvern Malti.

Sakemm intlaħaq dan il-ftehim, il-Gvern Malti permezz ta' ftehim bejn il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat u Mr Jerry Hoke ta b'kera temporanja l-iskola ta' Verdala lill-kumpanija. Il-kera kien fuq bażi ta' xahar bi ħlas ta' 1,000 dollaru Amerikan fl-ewwel xahar (minn Frar 1977) u jiżdied b'elf (1000) għal kull xahar li tinżamm l-iskola.

Ta' min jinnota li għal darb'oħra l-Gvern Malti permezz tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, irnexxielu jiġbed lejn Malta, skola oħra biex ikompli jsaħħaħ il-politika tal-Gvern li joħloq f'Malta ċentru ta' studju.

### L-AMBAXXATUR ĊINIŻ IŻUR INDUSTRIJI

Dan l-aħħar l-Eċċellenza Tiegħu Cheng Chih-Ping, Ambaxxatur tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal Malta għamel żjara fl-industriji tal-Poplu li twaqqfu bl-għajnuna tal-Gvern Ċiniż.

Matul din iż-żjara huwa kien akkumpanjat mill-Ministru tal-Industrji Parastatali u tal-Poplu l-Onor. Freddie Micallef.

*L-Ambaxxatur jara l-prodott taċ-ċikkulata "Desserta".*



# IL-KOLERA

**Kif diġà ġie mxandar, il-marda tal-kolera xterdet fil-pajjiżi tal-Lvant Nofsani u pajjiżi oħra.**

**Din il-marda tiġi kkaġunata u tinfirex mill-konsum ta' IKEL KONTAMINAT, inklużi r-rizzi u frott tal-baħar ta' kull xorta, kif ukoll mill-konsum ta' ħaxix li jittiekel nej. Il-frott jista' wkoll ikun kaġun ta' din il-marda u għalhekk għandu jiġi maħsul sewwa f'soluzzjoni ta' disinfettant ħafif bħal ngħidu aħna soluzzjoni ħafifa tal-permanganat. L-ILMA KKONTAMINAT huwa wkoll mezz għat-tixrid ta' din l-infezzjoni.**

**Dan ukoll jgħodd għall-mard ieħor ta' l-imsaren u għalhekk il-pubbliku huwa mwissi bis-sħiħ biex ma jiekolx il-frott u ikel imsemmi jekk mhux IMSAJJAR jew MAĦSUL skond kif jinħtieġ.**

**Kulħadd għandu josserva r-regoli ta' l-Iġiene li għandu x'jaqsam mal-persuna tiegħu, JAĦSEL IDEJH qabel ma jmiss ikel, qabel ma jibda' jiekol, wara li jkun mess kull ħaġa li tista' tkun imniġġsa.**

**Biex wieħed jevita t-tniġġis, l-ikel għandu jkun imħares sewwa, jekk jista' jkun ġewwa fridge u għandu jiġi dejjem imħares mit-trab, mid-dubbien u minn insetti oħra.**

**Id-Dipartiment tas-Saħħa jieħu l-miżuri ta' prekawzjoni kollha biex din il-marda ma tidħolx f'dawn il-Gżejjer.**

**Il-passiġġieri u ħwejjeġ ta' ikel minn postijiet infettati, jew fejn hemm suspett, ikunu soġġetti għal miżuri sanitarji.**

**Għalkemm ma teżisti l-ebda emerġenza, bħal drabi oħra, d-Dipartiment qed joffri TILQIM kontra din il-marda. Dan it-tilqim isir b'xejn fl-Isptar Boffa, l-Furjana u fl-Uffiċċju tas-Saħħa Victoria, Għawdex fil-ħinijiet tax-xogħol.**

# Il-Kura tal-Karnaġġjon

Il-kura tal-karnaġġjon huwa dmir li kull mara għandha tagħti lilha nfisha kemm ukoll lil uliedha. Fatizzi sbieħ u regulari ma jiswew xejn jekk il-karnaġġjon m'huwiex sabiħ. L-indafa hija l-aktar ħaġa mportanti għad-dehra tal-wiċċ u dan jiġi bil-ħasil regulari b'sapuna li ma tagħmilx ħsara lill-wiċċ. Ir-riħa tfuħ tas-sapuna m'għandha x'taqsam xejn mal-kwalità tagħha. Anzi sapuna li hi verament tajba għal-ħasil u t-tindif tal-ġilda għandha tkun waħda li ma tfuħx.

L-irqad għandu benefiċċju speċjali fuq il-karnaġġjon. Xogħol ta' l-għejja jxejjaħ il-wiċċ għal ftit taż-żmien. Anki mara żgħażugħa li tkun nieqsa mill-irqad, ikollha dehra kerha f'wiċċha. Il-ġilda, barra li tkun qisha mkemmxa, tkun ukoll nieqsa minn dak il-kulur sabiħ li ssoltu jkollha. Ħmistax-il minuta ta' mistrieħ huwa biżżejjed biex jibdel id-dehra tal-wiċċ, u dan isir minħabba li waqt l-irqad, il-ġilda tkun mistrieħa u ċ-ċirkulazzjoni tad-demm tkun iktar effettiva.

X'inhi l-aktar ħaġa mportanti li tgħin iċ-ċirkulazzjoni? Din hija mistrieħ, ikel bilanċjat u ndafa.

L-ilbies li nilbsu wkoll jaffettwa iċ-ċirkulazzjoni. Ħafna tfajliet u nisa tal-lum qegħdin jilbsu jeans u dbielet issikkati ħafna. Veru li min għandu figura sabiħa jidher attraenti b'dan l-ilbies, iżda li m'humiex jindunaw bih, huwa l-fatt li l-issikkar ta' l-ilbies qiegħed jirriżulta' f'nuqqas ta' ċirkulazzjoni tad-demm f'ġisimna.

**L-Allerġija:** Ħafna drabi nindunaw b'ċertu fwawar f'wiċċna u fuq l-għatu t'għajnejna u nwaħħlu fis-sħana. Il-karnaġġjon jinbidel għal wieħed aħmar ħafna u skomdu għall-individwu. Veru li l-kulur ħamrani jkun sabiħ fil-wiċċ, iżda din il-ħmura m'hijiex naturali. Dik li hi setgħet tkun kielet xi ħaġa li ma qablitx magħha, jew użat xi terra, fwieħa jew 'eyeshadow' li l-ġilda tagħha ma ssaportitx. Per eżempju ħafna mill-'eyeshadows' li jkunu jleqqu, fihom ċertu kontenut ta' metall li ma jaqbilx ma' kulħadd. Mhux biss l-għajnejn isiru ħomor, iżda l-wiċċ kollu.

**Il-Ponot:** Kollha kemm aħna xi darba jew oħra rajna xi ponta jew tebgħa fil-wiċċ. Dawn ikunu kkaġunati minħabba xi indiġistjoni, jew dieta mhux bilanċjata, jiġifieri li nieklu ħafna qali, ħlewwa u 'soft drinks' u ninsew ninkludu ħaxix, ħut u ħalib frisk fl-ikel ta' kuljum. F'ċerti jiem tax-xahar aħna n-nisa nagħmlu d-dwejjaq u nħossuna mitluqin. Il-karnaġġjon jinbidel u d-dehra tiegħu x'aktarx li ma tgħatiniex gost. Jiddispjaċini ngħid li m'hemmx rimedju. Din il-bidla fina trid issir għax hija parti min-natura, iżda dawn il-ftit jiem malajr jgħaddu, u anki l-ponot jgħejbu. Ħaġa li aħna nistgħu nagħmlu biex ngħinu lilna nfusna hija li ftit qabel ma' jaslu dawn il-jiem, noqgħodu attenti x'nieklu, jiġifieri nevitaw il-grassijiet, u l-ħelu. B'hekk inkunu qegħdin ngħinu lilna nfusna. Fl-antik kienu jgħidulna li f'dawn il-jiem m'għandniex naħslu xagħarna, għax jista' jiġrilna xi ħaġa. Dan mhux minnu. Anzi huwa ta' detriment għalina jekk inħallu xagħarna maħmuġ. L-aktar jekk xagħarna jkun żejtni jew bil-brija. Din ta' l-aħħar taqa' fuq il-wiċċ u tkompli żżid il-ponot u l-blackheads. Dawn il-ftit jiem m'għandhomx għalfejn itellfuna l-gost. Nieħdu ħsieb li ninħaslu aktar, xagħarna tkun nadifa tazza, u jekk jista' jkun nilbsu b'kuluri sbieħ u attraenti biex jgħollilna l-moral f'dawn il-jiem xejn sbieħ.

**Il-Blackheads:** Meta l-ġilda tkun żejtnija, il-pori jinfetħu u jimtlew bit-trab u l-ħmieġ. B'hekk jiġu ffurmati l-blackheads. Tippruvawx tgħaffsuhom b'duffrejkhom għax ikun agħar. Minbarra li toborxu l-ġilda, tistgħu iddennuhom jekk idejkhom ma jkunux indaf. Tistgħu iżda, tneħħuhom b'żewġ tissue papers bejn subgħajkom. Min għandu dawn il-blackheads barra milli juża sapuna 'medicated' għall-wiċċ, jista' darba fil-ġimgħa juża 'face pack'. Dan issibu tixtruħ mingħand kull spiżjar. Wara ftit taż-żmien tindunaw b'kambjament kbir fil-karnaġġjon tagħkom.

Għalhekk milli għidna tistgħu tindunaw li għal kull kambjament li jsir fil-karnaġġjon tagħna hemm rimedju. Ħaġa waħda għandna nżommu f'moħħna. Għalxejn naħbu u ninżebgħu taħt it-terer u l-kosmetiċi, imbagħad ma' nagħtux każ ta' l-indafa. Il-ħasil jiġi l-ewwel u qabel kollox!

---

**Riċetta**

### CHOCOLATE SWISS ROLL

*Għandek bżonn*:
- 3 bajdiet kbar
- 3 oz zokkor fin
- 2½ oz dqiq plain
- mgħarfa kokotina
- essenza tal-vanilla
- Landa 14″ b'10″, midluka bil-butir.

*Għall-mili*:
- 2 oz butir
- 4 oz icing sugar

*Metodu*:

Ħabbat il-bajd, iz-zokkor u l-vanilla f'kazzola li tkun 'banju marija', jew inkella bil-'mixer' ta' l-elettriku. Meta tara li t-taħlita saret maqgħuda u qisha krema, żid id-dqiq, il-kokotina u mgħarfa ilma fietel. Itfa' kollox fil-landa u aħmi f'forn moderat Mark 6 jew 400°F għal ħdax-il minuta.

Oħroġ is-'swiss roll' u qegħda fuq karta strazza li tkun xappapta biz-zokkor fin. Bil-warrani tas-sikkina għamel qasma ta' xi ½ pulzier fuq in-naħa d-dejqa ta' li Swiss roll. Din il-qasma tgħinkom biex tkunu tistgħu tirrumblaw ir-'roll'. Tinsewx li l-karta strazza tridu tgerbuha wkoll. Wara li tkun birdet xi ftit, ħoll li 'swiss roll' u neħħi l-karta. Idlek il-'buttercream' li tkun għamiltu billi tħawwad il-butir u l-'icing sugar' f'daqqa. Erġa' gerbeb ir-'roll' u farfar ftit zokkor fuqha.

# AJRUPORT MODERN



*F'din l-okkażjoni saru diskorsi mill-President ta' Malta Anton Buttigieg u mill-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport is-Sur Lorry Sant.*



*Iċ-ċerimonja bdiet b'parata mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta . . . .*



*. . . . u wara b'tislima mit-tfal ta' l-iskejjel.*

**Il-President tar-Repubblika l-Avukat Anton Buttigieg, nhar is-Sibt 1 ta' Ottubru inawgura uffiċjalment ir-Runway il-ġdida ta' l-Ajruport ta' Ħal Luqa.**

Għal din iċ-ċerimonja, minbarra l-għadd kbir ta' mistednin attendew eluf ta' nies li minn kmieni wara nofs in-nhar ħonqu kull post possibbli fin-naħat ta' l-ajruport.

F'din l-okkażjoni sar diskors mill-Onor. Lorry Sant, li taħt il-Ministeru tiegħu tax-Xogħlijiet u Sport sar ix-xogħol tar-Runway.

Fid-diskors tiegħu l-President qal li jħoss li għandu jirringrazzja lil kull min ħa sehem fit-twettiq ta' dan il-proġett li għandu jservi ta' eżempju tal-kapaċità tal-ħaddiem Malti u appella biex flimkien il-poplu Malti jkompli jibni lil Malta ġdida fuq ix-xogħol.

Fid-diskors tiegħu l-Onor. Sant qal li b'din ir-runway, li hija twila 3,500 metru u wiesa' 60 metru, Malta issa tista' tiftaħar li għandha mitjar mgħammar b'makkinarju u strumenti l-aktar moderni u li jista' jintuża minn kull tip ta' ajruplan ta' l-avjazzjoni ċivili.

Il-Ministru kompla jgħid li l-proġett sewa madwar £M9 miljuni iżda għaliex ix-xogħol sar mill-Maltin il-kaxxa ta' Malta, skond kalkoli li għamel l-Inġinier Taljan Mario Marra — il-bniedem li ħejja u fassal il-pjanijiet ta' l-ajruport il-ġdid — iffrankat madwar £M8 miljuni oħra.

Permezz tar-runway u l-Air Terminal ġdid li qed jinbena, kompla l-Ministru Sant, il-bżonnijiet ta' l-industriji, turistiċi u l-avjazzjoni se jkunu moqdija aħjar. Fuq kollox il-bini tar-Runway serva biex ġie provdut xogħol għal mijiet ta' Maltin li kienu bla xogħol u kienu se jemigraw.

"L-ewwel ta' Ottubru 1977 se jibqa' magħruf bħala Jum l-Ajruport u fl-istorja ta' l-Iżvilupp ta' pajjiżna dan se jitniżżel b'ittri tad-deheb. Għall-ħaddiema li ħadmu fuqu l-proġett għandu jservi ta' monument tal-ħidma u l-kapaċità tagħhom u għandu joħolqilhom kuraġġ", qal il-Ministru Sant fost l-akklamazzjoni tal-pubbliku.

Huwa qal li ried jinqeda b'din l-okkażżjoni biex f'isem il-Gvern u l-poplu Malti jirringrazzja lill-Inġinier Marra, lill-Gvern Taljan, lill-kapijiet u uffiċjali ta' diversi dipartimenti, lill-Missjoni Teknika Taljana, kuntratturi u ħaddiema Maltin li ħadmu fuq il-proġett. Il-Ministru qal li ried isellem ukoll lill-ħaddiem Salvu Grech li kien tilef ħajtu traġikament waqt li kien qed jaħdem fuq il-proġett.





*Il-Ministru Sant jippreżenta lil Sig. Marra b'rigal li jikkonsisti fl-arma tar-Repubblika ta' Malta bil-fidda.*



*Il-President Buttigieg jikxef lapida kommemorattiva li ġiet imbierka mill-Arċisqof Emeritu Mons. M. Gozi.*



*Il-pubbliku numeruż segwa b'attenzjoni wirja mill-helicopters tal-Forzi Armati ta' Malta, Canberra u Nimrod tal-R.A.F. u wirja mill-Iskwadra Freccie Trecolori tal-Forza ta' l-Ajru Taljana.*



# SPORTS

★

*Il-Ministru l-Onor. Joseph Abela qabel ma ppreżenta x-shield lis-Sur Anton Cassar (xellug) President tal-Kumitat tar-Regatta tal-Marsa.*

# FESTIVAL TA' L-ISPORTS TAL-BAHAR U R-REGATTA TRADIZZJONALI

It-Tiġrijiet tradizzjonali tar-Regatta li saru il-Ħadd 11 ta' Settembru fil-Port il-Kbir intrebħu mill-Marsa — għat-tielet sena konsekuttiva — u r-raba' darba fl-istorja tagħhom.

Dawn it-tiġrijiet saru fit-tmiem il-festival ta' li sports tal-baħar organizzat mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sports. Il-Festival beda l-ġurnata ta' qabel, is-Sibt, 10 ta' Settembru.

Qabel bdew it-tiġrijiet tar-Regatta, vapur ta' l-irmonk dawwar mal-Port il-Kbir slogan **"L-Isport — Huwa s-Saħħa u l-Paċi tar-Repubblika ta' Malta"**, filwaqt li speedboats b'irġiel fuq skiis għamlu dawriet mal-Port b'suffarelli b'duħħan kulurit warajhom.

Novità fit-tiġrijiet ta' din is-sena kienet it-tiġrija b'qaddief wieħed f'dgħajsa tal-Pass.

## IL-MARSA JIĊĊELEBRAW

Il-Kumitat tar-Regatta tal-Marsa, il-Ħadd 18 ta' Settembru iċċelebraw ir-rebħa tax-'shield' fit-tlielaq tar-Regatta permezz ta' dimostrazzjoni u daqq ta' marċi mat-triqat ewlenin tal-Marsa.

Fuq trakkijiet armati mill-isbaħ, kien hemm il-qaddiefa u d-dgħajjes li ħadu sehem f'din it-tiġrija tradizzjonali.

## TABLE TENNIS

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, fil-Ballroom tal-Hotel Phoenicia intlagħbu l-logħbiet għat-tielet u r-raba' post kif ukoll il-final tal-kompetizzjoni tat-table tennis organizzata mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport bl-għajnuna tal-Malta Table Tennis Associaton.

Il-logħba għat-tielet u r-raba' post spiċċat b'rebħa għall-Bank Orangeora li permezz tal-koppja R. Balbi u R. Balani għelbu lil V. Cuschieri u V. Balani tan-Neptunes bl-iskor ta' 3—2.

Iż-żewġ timijiet li telgħu għall-final kienu San Gaetan Band Club u Sliema Juventus 76 'A'. Għal San Gaetan lagħbu A. Lentini u M. Cini filwaqt li għas-Sliema Juventus 76 lagħbu A. Pellegrini Petit u E. Debattista.

Is-Sliema Juventus spiċċaw rebbieħa bl-iskor ta' 3—0, pero nistgħu ngħidu li għalkemm dawn rebħu l-ewwel tlett logħbiet infila, kellhom jitħabtu mhux ftit kontra l-ħeffa ta' Cini u l-esperjenza ta' A. Lentini.

Preżenti għall-okkażjoni kien hemm il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport is-Sur Lorry Sant li wara diskors qasir fejn irringrazzja lil dawk kollha li taw l-għajnuna tagħhom biex din il-kompetizzjoni setgħet tkun suċċess, qassam il-premjijiet lir-rebbieħa tas-Sezzjonijiet u lill-finalisti.

# WATERPOLO GĦAT-TFAJLIET

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Settembru, fil-pitch tal-Waterpolo ta' Birżebbuġa intemmu l-kompetizzjonijiet tal-Waterpolo għat-tfajliet organizzati mill-Ministeru tax-Xogħlijiet u Sport u sponsorjati mid-Ditta Foster Clark.

Il-programm kien jinkludi żewġ logħbiet. L-ewwel waħda kienet dik bejn Valletta u Birżebbuġa li ntemmet b'rebħa għal Birżebbuġa bl-iskor ta' 2—1. Skurjat għal Birżebbuġa darbtejn P. Grixti fl-ewwel u t-tieni sezzjoni waqt li V. Pace wieġbet għal Valletta fir-raba' Sezzjoni.

Fit-tieni logħba li kienet il-final tan-Knock-out kienet bejn San Ġiljan u Sirens. F'logħba eċċitanti is-Sirens irnexxielhom joħorġu rebbiegħa 3—2 wara li ngħata il-ħin barrani. Fetħet l-iskor għas-Sirens M. Busuttil fit-tieni sezzjoni iżda O'Neill ġabet id-draw sat-tmiem ta' l-istess sezzjoni. Imbagħad kienu San Ġiljan fir-raba' sezzjoni li permezz ta' A. Bezzina marru minn quddiem iżda Marisa Attard bl-għajnuna tal-goalkeeper Sant reġgħet ġabet lis-Sirens indaqs.

Fl-ewwel sezzjoni tal-ħin barrani ma rajna l-ebda goal iżda fit-tieni sezzjoni kienet għal darb' oħra Marisa Attard li tat ir-rebħa lis-Sirens.

*Il-Ministru l-Onor. Lorry Sant jippreżenta x-Shield lil Anna Felice Captain tas-Sirens.*



B'din ir-rebħa s-Sirens barra li rebħu id-double, rebħu wkoll it-trophy li ġiet mogħtija mid-ditta Foster Clark's għar-rebbieħ assolut ta' dawn il-kompetizzjonijiet.

Sadanittant sar magħruf illi s-Sur Frank Busuttil, direttur tal-kumpanija Foster Clark Products (Malta) Ltd. ippreżenta cheque lil Onor. Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, is-Sur Lorry Sant bħala sponsorship tal-kompetizzjonijiet tal-Waterpolo tat-tfajliet. Din is-somma sejra tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li saru biex jinżammu l-kompetizzjoniijet tal-League u n-Knock Out kif ukoll biex ir-rebbieħa tat-"Trofew Foster Clark" ikunu jistgħu jintbgħatu ġita edukattiva barra minn Malta. Id-ditta Foster Clark qed toffri li tisponsorja kull sena il-kompetizzjonijiet tal-Waterpolo tat-tfajliet. Din l-għotja tkompli tinkoraġġixxi lil dan il-Ministeru biex ikompli jorganizza attivitajiet sportivi kemm għat-tfajliet kif ukoll għall-pubbliku in ġenerali skond il-motto tal-Ministru "Sport għal Kulħadd".

# PREŻENTAZZJONI TA' RIGALI LILL-COACH ĊINIŻ TAL-BADMINTON

Il-Ministru tax-Xogħlijiet u Sport, l-Onor. Lorry Sant, ippreżenta dgħajsa tal-fidda lil Shan Tsien-hua, coach tal-Badminton mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, bħala apprezzament tax-xogħol siewi li għamel f'dawn l-aħħar sitt xhur mal-coaches u players tal-Badminton f'Malta.

L-interpretu Li Feng, li kien qed jaħdem mal-coach kemm kien ilu hawn Malta, ingħata midalja tal-fidda.

Hawn Malta Mr. Shan ħadem f'diversi sezzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Badminton.

Kif ġie hawn Malta kellu taħt idejh it-team li ħa sehem fil-kampjonati Ewropej għaż-żgħażagħ li nżammu hawn Malta stess. Fl-istess żmien il-Coach kien qiegħed jagħti lezzjonijiet fl-iskejjel sekondarji u primarji. Barra minn hekk huwa kien qed iżur clubs tal-Badminton fejn organizza sezzjonijiet ta' training.

Ma' dan ix-xogħol kollu Mr. Shan sab ħin ukoll biex iħarreġ grupp ta' għalliema ħalli jkunu jistgħu jkomplu x-xogħol li beda hu. Għal dan il-kors attendew numru sabiħ ta' coaches, u issa bdew jagħtu is-sehem tagħhom fil-clubs tal-Badminton.

# KULTURA........



▲ *Il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara tidher tippreżenta il-Banda Ġermaniża "Die Isartaler Blasmusik".*

*Il-Banda ddoqq f'waħda mit-toroq ta' Ħaż-Żabbar.* ▼



## PROGRAMM F'ĦAŻ-ŻABBAR MINN BANDA MILL-BAVARJA

Fuq inizjattiva tal-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara, is-Sibt 17 ta' Settembru, il-banda magħrufa Ġermaniża mill-Bavarja 'Die Isartaler Blasmusik' flimkien ma' 'Fasching Prinz Garde' u 'Das Tanzande Munchner Kleeblatt', żewġ gruppi ta' żeffiena folkloristiċi li huma popolari ferm fil-Ġermanja għall-istil modern tagħhom, taw programm speċjali għall-pubbliku in ġenerali f'Ħaż-Żabbar.

Il-Banda tat marċi tradizzjonali mill-Bavarja fit-toroq ewlenin ta' Ħaż-Żabbar, kif ukoll programm Mużikali f'Misraħ is-Santwarju. Kien hemm ukoll, wirja speċjali ta' żfin minn grupp ta' tfajliet magħrufa fil-Ġermanja għall-interpretazzjoni moderna ta' żfin u mużika folkloristika mill-Bavarja.

Min barra dan, kien hemm quddiesa kantata fuq stil oriġinali Bavarjan tas-seklu 14 fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. Din il-quddiesa kienet parti mill-Festival ta' l-Arti f'Malta. Il-Banda tat ukoll programm ta' marċi u żfin fit-Tokk, Għawdex.

## KUNĊERT TA' L-ACCORDION

Wara s-suċċess ta' l-ewwel kors għal għalliema u studenti lokali ta' l-accordion li sar f'Settembru tas-sena li għaddiet, l-akkordjonista magħruf Ingliż, Grahom Romani kien lura Malta biex imexxi t-tieni kors.

It-tieni Malta Master Class, organizzata taħt l-awspiċi tal-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, sar fiċ-Ċentru Kulturali, il-Furjana. Ħaġa ġdida interessanti din is-sena kienet il-parteċipazzjoni ta' akkordjonisti mill-Ingilterra. Kemm il-mużiċisti Maltin u dawk Ingliżi qed jaħdmu flimkien għal komprensjoni aktar fil-fond dwar l-interpretazzjoni teknika u mużikali.

Il-programm intensiv ta' lectures u studji prattiċi li beda it-Tlieta, 6 ta' Settembru, kien jikkonsisti f'sessjonijiet filgħodu u fil-għaxija, u għalaq nhar is-Sibt, 10 ta' Settembru.

Dan il-kunċert, taħt il-patroċinju tal-Ministru tal-Kultura, sar fis-Sala tal-Kunċerti taċ-Ċentru Kulturali, il-Furjana. Minbarra solisti lokali u Ingliżi daqqew orkestra ta' l-accordion iffurmata minn mużiċisti Maltin u Ingliżi. Il-'highlight' ta' din l-okkażżjoni kien 'string quartet' li jakkompanja żewġ kompożizzjonijiet ġodda ta' Graham Romani — Passacaggia a Cinque u Scherzetto sopra Contradanza Maltese għall-Accordion.

## ĦOTI TA' KOTBA MILL-MID-MED BANK

Fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, is-Sur Paul Xuereb, Chairman tal-Mid-Med Bank ippreżenta lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, it-Tabib Philip Muscat b'madwar elf kopja tal-ktejjeb "Ħaddem idejk". Dan il-ktejjeb imħejji mit-Taqsima ta' Studji Avanzati tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ġie stampat bl-għajnuna tal-Mid-Med Bank Ltd.

Il-Ministru rringrazzja liċ-Chairman tal-Mid-Med Bank għall-għajnuna li taw biex jiġi stampat dan il-ktieb. Permezz ta' dan il-ktieb, l-istudenti fis-Summer Clubs ikunu jistgħu jieħdu sehem aħjar fl-attivitajiet sportivi, kulturali u edukattivi li jsiru f'dawn il-kampijiet kif ukoll attivitajiet oħra li dawn it-tfal jagħmlu barra mill-kamp billi dan il-ktieb fih tagħrif dwar l-arkeoloġija, x'tara ħdejn il-baħar, kif l-istudenti stess jista' jkollhom il-gazzetta tagħhom, kif ukoll x'wieħed jara jekk jagħmel dawra fuq il-baħar fil-Port il-Kbir. Dan huwa mportanti billi t-tfal tas-Summer Clubs jittieħdu dawra bil-baħar mal-Port il-Kbir u hekk l-istudenti jkunu jistgħu japprezzaw aktar dak li jkunu jaraw.

Il-Ministru temm jgħid li l-inizjattiva tal-Mid-Med Bank hija eżempju ta' għajnuna u kooperazzjoni bejn id-Dipartimenti tal-Gvern u Korpi Parastatali.

Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll is-Sur Edward Abela, Assistant General Manager tal-Mid-Med Bank.

## ORGANISTA ŻAGĦŻUGĦ FRANĊIŻ FIL-KON-KATTIDRAL TA' SAN ĠWANN

Il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura stieden lill-organista żagħżugħ Franċiż ta' talent kbir, Philippe Sauvage, biex jiftaħ is-serje ġdida ta' kunċerti fuq l-orgni, organizzati mill-Ministeru, fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann.

Għalkemm għandu biss 21 sena, Philippe Sauvage għandu maestrija kbira ta' l-orgni. Huwa ilu organista residenti ta' Notre-Dame-de-Boulogne sur Seine mill-1970 u ta l-ewwel kunċert tiegħu fl-età ta' 16-il sena. Huwa studja fl-iskola Cesar Franck ta' Pariġi taħt Gerard Letellier u Claude Terrasse, esponenti magħrufa ta' l-iskola ta' Marcel Dupre.

Il-kunċert fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, ippreżentat f'kollaborazzjoni ma' l-Ambaxxata Franċiża, sar nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru. Matul il-kunċert ta' 50 minuta, Philippe Sauvage daqq xogħlijiet ta' Couperin, Buxtehude, Bach u Vierne.

## FTUĦ TA' MUŻEWIJIET STORIĊI FIL-ĦDUD

Kull nhar ta' Ħadd matul is-sena, il-pubbliku se jkun jista' jżur il-mużewijiet u l-monumenti storiċi ta' Malta u Għawdex, li jaqgħu taħt il-Ministeru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, **mingħajr ma jħallas xejn** għad-dħul f'dawn il-postijiet nazzjonali.

**Dan il-pass ittieħed fuq inizjattiva tal-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, l-Onor. Agatha Barbara, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti tal-Poplu, l-Onor. Ġużè Abela.**

L-iskop prinċipali ta' din il-faċilità ġdida għall-pubbliku huwa biex aktar nies ta' kull età jkunu jistgħu jżuru ta' spiss dawn il-postijiet ta' interess nazzjonali u jibdew jifhmu u japprezzaw aħjar il-wirt storiku ta' pajjiżna flimkien ma' diversi attivitajiet kulturali li jiġu organizzati matul is-sena mill-Ministeru tal-Kultura.

Id-dħul b'xejn f'dawn l-postijiet, matul il-Ħdud tas-sena, se jkun jgħodd kemm għal individwi kif ukoll għall-għaqdiet kollha Maltin u Għawdxin.

Il-ħinijiet tad-dħul huma:

Mill-Ħadd, 2 ta' Ottubru sa l-aħħar Ħadd (ħin tax-Xitwa) mit-8.30 a.m. sas-1.00 p.m. u mis-2.00 p.m. sa l-4.30 p.m.

Il-Ministeru tal-Kultura jappella lill-pubbliku ġenerali biex jagħmel użu tajjeb minn din l-offerta tal-Gvern u fl-istess ħin iżomm dawn il-postijiet bl-akbar għożża kif inhu xieraq.

*DAWRA MAL-GŻEJJER*

# SANTA VENERA

Daqs żewġ mili 'l bogħod mill-belt bejn Birkirkara u l-Ħamrun, jinsab is-subborg ċkejken ta' Santa Venera jew Vennera.

Fdalijiet ta' żmien il-qedem instabu bosta f'Santa Venera. Fosthom insibu diversi oqbra ta' żmien Feniċju.

Il-lum Santa Venera qed tiżviluppa sewwa. Fiha tela' bini kbir sabiħ u modern. Ma' Santa Venera nsibu magħqud Ħal Kaprat — raħal magħmul minn triq waħda u tista' tgħid li ismu biss fadal biex ifakkarna f'dak ir-raħal qadim u mwarrab li kien jagħmel ma' Ħal Qormi.

Mill-qalba ta' Santa Venera jgħaddi l-akwadott li kien bena Wignacourt. Sal-bidu tal-gwerra (1939-45) fejn il-lum hemm ir-roundabout ta' Fleur-de-Lys, kienet għadha wieqfa arkata il-wisa' tat-triq kollha, iżda 'crane' tal-militar billi ma setgħax jgħaddi minn taħtha, ġarrafha għal kollox.

Santa Venera għandha popolazzjoni tgħodd qrib is-6,000 ruħ.

**L-Isem "Santa Venera"** — Isem dan il-villaġġ huwa l-istess isem li għandha l-knisja parrokkjali. Hawn min igħid li isem Santa Venera (jgħiduh ukoll Santa Vendra) huwa ġej minn isem il-knisja. Issa nistaqsi, min kien l-ewwel, il-knisja jew isem l-art! Min beda l-isem? Tgħid xi tempju ta' Venus (Venera)?

Il-Griegi damu Malta madwar il-277 sena li fihom ħallewlna bosta tifkiriet tagħhom. Il-Griegi kienu idolatri mill-kbar. Hawn bnew tempji mill-isbaħ lill-Prosperina fuq il-għolja ta' l-Imtarfa u ieħor lil Ġunone, f'Tas-Silġ, Marsaxlokk. Hawn min irid igħid li ftit 'il bogħod mill-knisja ta' Santa Venera kien hemm tempju dedikat lil alla Venus.

Venus kienet l-alla ta' l-imħabba, bint Ġupiter u Djone. Għal sbuħitha hija rċeviet premju mingħnad Paris. L-ewwel isem li kellha taħt idejn il-Griegi kien dak ta' Afrodite, iżda meta Sqallija saret provinċja Rumana, bdiet tissejjaħ Venus Ericina.

L-arma ta' Santa Venera hi skud maqsum fi tnejn vertikalment — tax-xellug ikħal u tal-lemin isfar. F'nofsha kuruna tar-rand b'kuruna fuqha. Fil-kuruna tar-rand hemm is-simbolu Pax bil-kuluri ta' ġo fiha bil-maqlub ta' dawk ta' barra.

Il-Motto tagħha hu dan: "Virtus In Infirmitate Perficitur" (Il-Virtù tispikka fil-Miżerja).

**Santa Venera — Il-Kunvent u l-Knisja Parrokkjali.** L-ewwel knisja dedikata lil din il-qaddisa kienet qadima ħafna. Kienet ittellgħet għal ħabta ta' l-1550, iżda maż-żmien reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid.

Dik li naraw il-lum inbdiet fl-1659 u kienet lesta fl-1688. Ma' din il-knisja hemm kunvent li

> **Mill-Ktieb**
> **"BLIET U RHULA MALTIN"**
> **ta' Alfie Guillaumier**

tela' bis-saħħa ta' Fra Ġjakkin Vivas, eremit ta' San Calogero, li ġie minn Sqallija flimkien ma' xi eremiti oħra, u ma' xi Maltin li għexu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof. Fra Ġjakkin Vivas għen dan l-eremitaġġ fi żmien l-Isqof Alferan fl-1742. Hu li kien Naplitan, miet f'dan il-kunvent fit-2 ta' Ġunju, 1749.

Maż-żmien inħasset il-ħtieġa li jkabbru l-kunvent u dan sar bi flus l-Abbati Rafel Dorell. Wara, l-eremiti baqgħu jgħixu ħajja sempliċi ta' nies twajba u bdew jissejħu bħala l-eremiti ta' San Calogero u kienu mmexxijin minn saċerdot. Il-kommunità ma' kenitx tlaħħaq aktar minn sitta; u fl-1757 saru tlieta biss u kellhom bħala direttur lil Dun Pietru Mifsud.

Għall-ħabta ta' tmiem is-seklu XIX, il-knisja kien jieħu ħsiebha Dun Xand Cortis. Fil-bidu tas-seklu XX marret hemm il-Missjoni ż-Żgħira u wieħed Patri Karmelitan tħajjar jieħu post Dun Xand billi dan kien miet.

Il-Patrijiet Karmelitani issa bdew jieħdu interess speċjali fiha u bdew jaraw li kellhom prospett li jwaqqfu fiha l-kommunità tagħhom. Dik il-ħabta il-knisja ta' Santa Venera kont tista' tgħid li kienet maqtugħa għaliha waħedha minnies u mbiegħda biċċa sewwa mill-eqreb knisja ta' Birkirkara. Fit-30 ta' Lulju, 1912, bi ftehim mal-Kapitlu Elenjan, din il-knisja għaddiet f'idejn il-Patrijiet Karmelitani. L-Isqof Pietru Pace għamilha Viċi-Parroċċa fil-11 ta' Marzu, 1913. L-Isqof Caruana b'digriet li jġib id-data 4 ta' Settembru 1918, waqqaf il-knisja ta' Santa Venera f'parroċċa ndipendenti, bil-limiti tagħha meħudin mill-parroċċi ta' Birkirkara, l-Ħamrun, l-Imsida u Ħal Qormi.

**Santa Venera — Parroċċa Ġdida** — Billi l-biċċa l-kbira tan-nies tal-parroċċa tinsab mixħuta l-iktar lejn il-Ħamrun, kienet ilha tinħass il-ħtieġa li għandha tinbena knisja ġdida li tkun fil-qalba tal-pajjiż minflok il-qadima. L-Arkitett Ġuże' Damato għażel il-pjanta fuq stil Romantiku li jkun fiha ħames artali. Ix-xogħol inbeda f'Novembru 1959 u s'issa tlesta biss is-sular ta' taħt il-knisja li jiġbor fih l-attivitajiet kollha tal-parroċċa.

**Il-Kappella ta' Santa Venera u x-Chateau Lonz**

Meta l-Kommunità Karmelitana ta' Santa Venera kisbet b'wirt ix-Chateau Lonz mingħand il-familja Apap dawn ħaduh bil-kundizzjoni li fih jagħmlu xi ġid spiritwali. Fil-bqija tax-Chateau Lonz (isem li l-Patrijiet sabuh imniżżel hekk)

huma waqqfu l-attività kollha tal-parroċċa. Fiż-żmien, dan il-lokal kien razzett tal-barrin u fi żmien il-gwerra, l-Patrijiet krewh lill-Air Force.

**Il-Madonna tal-Karmnu** — Fl-14 ta' Jannar, 1945 tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' din il-knisja mill-Provinċjal Patri Pietru Dimech, O. Karm u ssemmiet Tal-Karmnu.

**"Villa Apap"**

Is-Sur John Apap, neguzjant għani Malti, filantropista mill-kbar, miet għażeb fl-1938 u kien igħix ma' ħutu fil-Villa li kellhom fejn hemm l-istitut il-lum. Huma ħallew ġidhom lill-komunità Dumnikana.

**Il-Konservatorju "Vincenzo Bugeja"**

Għal bosta snin il-Markiż Vinċenzo Bugeja C.M.G. kien ilu jaħseb kif għandu jibbenefika, bil-ġid kbir li kellu, lil artu, permezz ta' xi fundazzjoni ta' Istitut tal-Karità. Il-Providenza nebbħitu li għandu jagħmel Konservatorju għal bniet fqar iltiema. Fl-24 ta' Lulju, 1873 il-Papa Piju IX ta udjenza lill-Markiż fejn inkuraġġih bil-bosta biex jidħol għal dan il-proġett. Fl-20 ta' April, 1876, tqiegħdet l-ewwel ġebla minn idejn in-Nobbli Sinjura Kattolika, il-mara tal-Gvernatur Sir Charles T. Van Straubenzee, quddiem bosta mistednin. Fit-18 ta' Mejju ta' l-istess sena saret il-festa tal-ftuħ uffiċjali, fejn ħamsin tifla immexxija mis-Sorijiet tal-Karità kellhom ix-xorti jsibu kenn għall-ewwel darba f'dan il-Konservatorju hekk sabiħ.

Fl-1876 għadda minn Malta l-Prinċep ta' Wales li ġie milqugħ kif jixraqlu. Fi pranzu li tah il-Gvernatur fil-Palazz, għamel Kavalier lill-Markiż Ċensu Bugeja talli bena l-Konservatorju.

**Istitut Tekniku "Vincenzo Bugeja"**

Ma kienx biżżejjed għall-Markiż Vinċenzo Bugeja li bena l-konservatorju, għaliex huwa ried li jtalla' ieħor u din id-darba kien Istitut Tekniku li fih iż-żgħażagħ subien ikunu jistgħu jitgħallmu s-snajja'.

**Skola "Approvata"**

Malli nħass it-tiġrib tal-gwerra, fit-3 ta' Settembru, 1939, ir-Riformatorju tas-Salvatur ġie magħluq u mneħħi mill-Forti Salvatur il-Kalkara, mnejn ħa ismu, u l-forti ittieħdet mill-militar biex użah bħala Kamp ta' l-Internati.

Billi fil-gwerra d-delinkwenza fost iż-żgħażagħ kibret sewwa, il-gvern ħass il-ħtieġa li jerġa' jiftaħ ir-Riformatorju. Minħabba li l-Forti Salvatur kien għadu f'idejn is-servizz, kellu jinstab lok ieħor, u din id-darba ngħażel l-Istitut tal-Franġiskani Missjunarji ta' l-Eġittu tal-Ħamrun. Fl-1 ta' Settembru, 1941, reġa' nfetaħ hawn ir-Riformatorju.

Hawn beda jinħass li għandu jinbidel isem din l-istituzzjoni, għalhekk fit-28 ta' Marzu, 1944, issemma' "Skola Approvata".

Fl-1947 l-Iskola Approvata inġarret għal ftit żmien fl-Istitut Tekniku ta' Bugeja bil-ħsieb li 'l quddiem jinbena lok adattat li jkun joffri l-wisa' u l-kumdità meħtieġa. Ftit taż-żmien wara isem din l-iskola nbidel f'dak ta' "Skola San Filippu".

**Il-Konservatorju "Adelaide Cini"**

Fit-Triq Irjali, jinsab istitut imdaqqas mibni fl-1864 mill-fundatriċi tiegħu, Adelaide Cini, u ddedikatu lill-Qalb ta' Ġesù.

**L-Istitut u l-Knisja ta' San Ġużepp**

Fi Triq Irjali San Ġużepp, bejn iż-żewġ konservatorji gwappi li bena l-Markiż Bugeja, jinsab l-"Istituto Canonico Bonnici" magħruf l-aktar bħala l-Istitut ta' San Ġużepp, li fih qed iżomm bosta subien iltiema jew inkella fqar ħafna.

**Kunvent ta' Kristu Sultan — (Casa Generalizia) (Ulied il-Qalb Imqaddsa)**

L-ewwel istitut ta' dawn is-sorijiet infetaħ il-Ħamrun ħdejn il-knisja tas-Samra u hu magħruf bħala "Ta' Nuzzu".

Is-Sorijiet kellhom jibnu dan il-kunvent biex ikollhom Dar għan-Novizzjati, minħabba li n-novizzi kellhom jitilqu dik li kellhom iż-Żurrieq billi l-Welfare Committee tahom kura ta' aktar tfal orfni.

**Kunvent tas-Sorijiet Franġiskani ta' Malta**

Fis-sena 1936, Mgr. Kapit. Dek. Albert Pantalleresco talab lill-Madre Ġenerali, biex tibgħat xi sorijiet fl-Istitut ta' San Ġużepp, biex jieħdu ħsieb il-kċina, bjankerija tat-tfal iltiema kif ukoll tal-Patrijiet li jieħdu ħsiebhom li jinsabu f'dan l-Istitut.

**Il-Palazz u l-Knisja ta' San Ġużepp**

Il-Kommendatur u Viċi-Kanċellier ta' l-Ordni Ġerosolmitan, Fra D. Eugen Ramirez Maldonato, bena fit-tarf ta' fuq ta' Triq San Ġużepp, palazz u ġnien sabiħ, flimkien ma' kappella taħt it-titlu ta' San Ġużepp. Wara l-mewt tal-proprjetarju, waqgħu kollha taħt idejn il-Gran Mastru li kien iċedihom lil kull kavalier Gran Kruċ għal ħajtu kollha. Qabilha kien hemm oħra li bniha l-Kavalier Pietru di Gaeta.

Fl-1881 l-Arċisqof ta' l-Alġier wasal hawn Malta u miegħu ġab mill-Afrika, mnejn kien ġej, sittax-il żgħażugħ iswed li kienu mixtrija, u magħhom tliet missjunarji biex iwaqqfu istitut għalihom f'din il-gżira. Dawn malajr ħadu l-palazz li kien magħruf bħala l-"Palazz l-Aħmar" u waqqfu hemm istitut.

Żmien wara l-Palazz l-Aħmar inħatt biex sar minfloku l-Istitut ta' San Ġużepp.

**Dar Iljuni**

Dar Iljuni li naraw quddiem l-akwadott ta' Wignacourt inbniet mill-Gran Mastru de Vilhena fl-1730 (Ferris isemmi din id-data bħala l-1732) u kultant insibuha magħrufa bħala l-Palazz Vilhena. Kienu jsibuha bħala "Ta' Ljuni", għażżewġ iljuni skolpiti fil-ġebel qed iżommu l-arma ta' dak li bniha.

Il-pjanta mqassma sabiħa u min-naħa ta' wara għandha ġnien kbir, għalkemm il-lum nofsu sar ġnien pubbliku.



SANTA VENERA — Triq il-Kbira San Ġużepp (l-akwadott ta' Wignacourt fuq il-lemin).

IPPUBBLIKAT MID-DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI — STAMPAT FL-U.C.S. — STAMPERIJA TAL-GVERN

# Bulletin 3

Maħruġ minn:
*Published by*:
The Standing Advisory Committee on Metrication
30 South Street,
Valletta
October 1977

## L-Iżvilupp tas-Sistema Internazzjonali

Kien fis-seklu sbatax meta Simon Stevin, spettur ta' digi fl-Olanda, ħareġ b'sistema deċimali tal-qisien. Madankollu, kellu jkun fl-1790 li l-Assemblea Nazzjonali Franċiża ħatret kumitat biex jistudja l-possibilitajiet ta' sistema razzjonali ta' qisien.

Billi kien instab li s-sistema deċimali tan-numri tindara bla tbatija, intgħażlet sistema ta' qisien fuq bażi deċimali, mibnija fuq in-numru 10. Sistema bħal din tħaffef il-qlib minn qies għal ieħor billi timmoltiplika jew tiddividi b'10.

Fuq il-proposti tal-kumitat, ftit snin wara l-metru u l-kilogramm daħlu b'liġi fi Franza. Iżda kien mill-1890 'il quddiem li l-użu tagħhom sar ġenerali fi Franza u f'inħawi oħra ta' l-Ewropa. L-Ingilterra dak iż-żmien ma wrietx interess fl-użu ta' din is-sistema, iżda mill-1860 'il quddiem sew l-Ingilterra kemm l-Istati Uniti għarfu l-merti tas-sistema metrika billi awtorizzaw l-użu tagħha bħala t-tieni sistema fil-pajjiż, waqt li żammew l-unitajiet imperjali bħala l-kejl u l-użin legali. Dawn iż-żewġ pajjiżi ma setgħux ma jagħirfux is-sistema metrika billi l-unitajiet tradizzjonali li kellhom ma kenux biżżejjed biex ilaħħqu ma' l-iżvilupp imgħaġġel tax-xjenza.

## Development of the International System

As early as the 17th Century an inspector of dykes in the Netherlands, Simon Stevin, proposed a decimal system of measures. However, it was not until 1790 that the French National Assembly appointed a committee to explore the possibilities of a rational system of measurement.

As the decimal system of numeration had proven to be easily taught, a measuring system was selected with a decimal basis, using the base unit ten. All other units are a power of 10 times this basic unit. Such a system greatly simplifies conversion from one unit to another by either multiplying or dividing by a power of 10.

As a result of the committee's proposals, the metre and the kilogram units were enacted into law in France a few years later. However, it was not until the 1890's that these units were in general use in France and other parts of Europe. England was not interested in adopting this system during this time, but in the 1860's both Britain and the United States acknowledged the virtues of the metric system by authorizing it as a second system. However, they retained Imperial units as the legal weights and measures. The two nations really had no choice but to acknowledge the metric system, because the traditional units could not cope with the rapid growth of science.

Fl-1870 Franza sejħet laqgħa internazzjonali biex tinstab sistema waħda uniformi minħabba fid-diffikultajiet li kienu qed jinħolqu biex taqleb jew tqabbel *standards* metriċi ta' pajjiż ma' ta' ieħor. Dawn l-isforzi wasslu għall-iffirmar f'Pariġi tat-Trattat dwar il-Metru fl-1875.

It-Trattat stabbilixxa li għandu jkun hemm Konferenza Ġenerali dwar l-Użin u l-Kejl, li minn dak iż-żmien 'l hawn iltaqgħet minn żmien għall-ieħor biex tagħti definizzjonijiet ġodda. Tul issnin, il-Konferenza Ġenerali wessgħet u ipperfezzjonat is-sistema metrika. Fl-1960 il-Konferenza adottat l-'*International System of Units*' (*Système International d'Unités*) jew SI li hi s-sistema metrika rikonoxxuta mad-dinja fil-lingwi kollha.

Illum kważi d-dinja kollha jew diġà tuża s-sistema metrika jonkella qiegħda taqleb għal din is-sistema (ara paġ. 12 — Metric World).

In 1870 France called an international convention to work out a unified metric system because of the difficulties in reproducing or comparing metric standards from country to country. These efforts led to the signing of the Treaty of the Metre in Paris in 1875.

The treaty established a General Conference on Weights and Measures, which since then has met periodically to adopt new definitions. Over the years the General Conference has steadily extended and refined the metric system. In 1960 the Conference adopted the International System Units — ("Système International d'Unités) or SI which is the universally recognized metric system in all languages.

At the present time, almost the whole world is either metric or committed to go metric (see page 12 — Metric World).

Source: *Introduction to the Metric System*
Metric Commission Canada (1974)

## Is-sistema metrika fil-kejl ta' l-art u fil-kuntratti

Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed jikkopera mal-Kumitat biex jiżgura li kuntratti u dokumenti oħra li jiġu preżentati lilu minn Nutara Pubbliċi għar-reġistrazzjoni jkunu jikkonformaw mal-liġi għal dak li jirrigwarda l-unitajiet deċimali metriċi fil-kejl lineari.

L-Avviż Legali 72 ta' l-1977 li ġie ippubblikat bħala Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 13,372 ta' l-14 ta' Ġunju, 1977, irrevoka l-Ordni ta' Eżenzjoni dwar l-Użin u l-Kejl ta' l-1921. Din l-emenda kienet meħtieġa sabiex kull att jew ftehim dwar kwantitajiet ikkalkulati bl-użin jew bil-kejl issa jibda jsir skond is-sistema metrika ta' l-użin jew tal-kejl kif ippjanat mill-Gvern.

Bħala bażi għal uniformità fl-informazzjoni mniżżla f'dawn id-dokumenti l-Kumitat ta lill-Kamra tan-Nutara l-informazzjoni neċessarja li tkun tista' tgħin lin-Nutara Pubbliċi fil-qlib u fil-kalkolu ta' l-uċuh ta' l-art, eċċ.

## Metric units for land areas and deeds of transfer

The Director of the Public Registry is cooperating with the Committee with a view to ensuring that deeds and other documents presented for registration by Notaries Public conform to the requirements of the law as regards metric units in respect of linear measures.

By Legal Notice 72 of 1977 published as a supplement to Government Gazette No. 13,372 of 14th June, 1977, the Weights and Measures Exemption Order made in 1921 was revoked. This amendment was necessary so that every act or agreement relating to quantities expressed in terms of weight or measure be now made according to the metric system of weights and measures in accordance with Government policy.

In order that there will be uniformity in such documents the Committee has supplied Notaries Public through the Chamber of Notaries, with pertinent information which would be of help in the conversion and calculation of land areas.

Din l-informazzjoni qed tidher hawn taħt għal dawk kollha li tinteressahom.

Fis-sistema deċimali metrika l-kejl tal-wiċċ għandu jidher hekk: —

(a) kilometri kwadri (simbolu km$^2$) meta l-wiċċ ta' l-art ikun fih kilometru kwadru jew iżjed;

(b) ettari (simbolu ha) meta l-wiċċ ta' l-art ikun fih ettaru jew iżjed;

(ċ) metri kwadri (simbolu m$^2$) meta l-wiċċ ta' l-art ikun fih inqas minn et-taru.

1 kilometru kwadru = 100 ettaru

1 ettaru = 10 000 metri kwadri

Billi kilometru kwadru huwa kejl ta' art kbira ħafna, hija ħaġa rari li jsiru transazzjonijiet ta' din ix-xorta.

This information is reproduced here-under for the benefit of all who may be interested.

In the mertic system land areas should be expressed in: —

(a) square kilometres (symbol km$^2$) if the area in question is equal to or more than one square kilometre;

(b) hectares (symbol ha) if the area in question is equal to or more than one hectare;

(c) square metres (symbol m$^2$) if the area in question is less than one hectare.

1 square kilometre = 100 hectares

1 hectare = 10 000 square metres

Because the square kilometre is a very large unit of area, transactions involving such units are rarely undertaken.

## Tabella għall-Qlib

*Conversion Factors*

**(Kejl Malti għall-Kejl Metriku)**

*(Maltese Units to Metric Units)*

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Modd | = | 16 tomna | = | 1.798 6 | ettari | = | 17 986 | m$^2$ |
| Tomna | = | 6 sigħan | = | 0.112 41 | ettari | = | 1 124.1 | m$^2$ |
| Siegħ | = | 10 kejliet | = | 0.018 735 | ettari | = | 187.35 | m$^2$ |
| Kejla | = | 4.266 7 qasab kwadri | = | 0.001 873 5 | ettari | = | 18.735 | m$^2$ |
| Qasba kwadra | | | = | 0.000 439 11 | ettari | = | 4.391 1 | m$^2$ |

Il-figuri kif jidhru hawn fuq huma mogħtija sal-ħames figura sinifikanti li hija ikkonsidrata preċiża biżżejjed għal transazzjonijiet ta' l-art.

Iżda jekk għal xi raġuni wieħed irid ikun iżjed preċiż għandu jirriferixxi għall-iskedi ta' qlib li jidhru fl-Ordinanza dwar l-Użin u l-Kejl ta' l-1921, (Kapitlu 62).

Nirrakkomandaw illi wara li wieħed jaqleb mill-unitajiet tal-kejl Malti għall-kejl metriku, ir-riżultat għandu jintwera bl-istess għadd ta' ċifri sinifikanti li kienu jidhru fil-kejl (Malti) oriġinali.

Biex wieħed jikteb u jittajpja korrett l-unitajiet metriċi għandu jimxi fuq l-istruzzjonijiet mogħtija fil-fuljett dwar "Is-Sistema Metrika għat-Tajpisti u oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kitba" li ħareġ il-Kumitat f'Mejju, 1977.

The above conversion factors are given to five significant figures which is considered accurate enough for land transactions.

If, however, for any reason higher accuracies are required reference should be made to the schedules of conversion set out in the Weights and Measures Ordinance of 1921, (Chapter 62).

It is recommended that after a conversion is made from Maltese to metric units, the result should be rounded off to the same number of significant figures contained in the original (Maltese) measurement.

For the correct way of writing and typing the metric units, the instructions contained in the leaflet on "Metrication for Typists and others concerned with the written word" issued by the Committee in May, 1977 should be followed.

## Il-Biedja taqleb għas-Sistema Internazzjonali (SI)

*Iċ-Ċensiment tal-Biedja*

L-Uffiċċju ta' l-Istatistika flimkien mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ħa l-inizjattiva biex ir-Rapport taċ-Ċensiment tal-Biedja għall-1975/76 jiġi ippubblikat bil-figuri skond is-sistema deċimali metrika. Iċ-ċifri ta' l-istatistika li ser jiġu nklużi fir-rapport taċ-Ċensiment tal-Biedja li għandu jsir f'Ottubru 1977 se jkunu ippubblikati wkoll bis-sistema metrika.

*Għall-konvenjenza tal-Bidwi*

Minn xi żmien 'il hawn id-dokumenti tat-taqsima tar-Reġistrazzjoni tar-Raba' fil-Qasam tal-Gvern fl-Għammieri, qed jiġu maqluba wkoll għas-sistema deċimali metrika.

Għall-konvenjenza tal-bdiewa, id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura għamel arranġamenti sabiex matul iċ-Ċensiment tal-Biedja li sejjer isir, il-bdiewa jkollhom imniżżel bis-sistema metrika fil-Ktieb tar-Raba' l-informazzjoni meħtieġa. Din il-miżura amministrativa tiffranka lill-bdiewa li aktar tard ikollhom imorru sa l-Għammieri ħalli ssirilhom il-bidla neċessarja fil-Ktieb tar-Raba'.

Tagħrif dwar il-qlib għas-sistema deċimali metrika qed jixxandar regolarment fuq il-Cable Radio u r-Radju Malta fil-programm lill-bdiewa u s-sajjieda ħalli jippreparawhom għas-sistema l-ġdida fix-xogħol tagħhom.

Il-Kumitat ipprepara wkoll tabelli li juru l-unitajiet metriċi ta' l-ettari u l-metri kwadri mqabblin mal-qisien Maltin tat-tomna, siegħ u kejla (paġna 3).

Il-Kumitat għamel arranġamenti mad-Dipartiment tal-Biedja, li għandu f'idejh it-tmexxija ta' skola għat-taħriġ ta' bdiewa żgħażagħ, biex jinkludi fil-programm tagħhom lezzjonijiet ta' introduzzjoni u dwar l-applikazzjoni tas-sistema metrika kif tolqot is-settur agrikolu.

## Agriculture converting to SI Units

*Agricultural Survey*

The Office of Statistics in collaboration with the Department of Agriculture has taken the initiative for the Census of Agriculture Report for 1975/76 to be published in metric. The statistical data featuring in the report on the Census of Agriculture that will be held in October, 1977 will also be published in metric.

*To help the Farmer*

For some time now records at the Land Regisration Section of the Government Farm at Għammieri are gradually being converted to the metric system.

For the convenience of farmers the Department of Agriculture has made arrangements so that during the next Census of Agriculture farmers will have the information contained in their Registration Cards shown in metric. This administrative measure would eliminate the need for farmers to call at a later date at the Government Farm to have their Registration Cards altered.

Relevant information is being broadcast regularly on Cable Radio and Radio Malta during the programme for farmers and fishermen so as to prepare the farming and fishing communities for the changeover in their respective trades.

The Metrication Committee has also prepared tables showing metric units of measurements of hectares and square metres compared to the Maltese measurement of tomna, siegħ and kejla (page 3).

The Committee has made arrangements with the Department of Agriculture, which runs a training school for young farmers, to include in their programme of activities lectures on the introduction and application of the metric system as it effects the agricultural sector.

## Is-Sistema Metrika fl-Isports

Bl-introduzzjoni ta' l-unitajiet SI, is-sistema metrika għandha wkoll tibda tintuża fl-i*sports*. L-i*sports* favorit bħal *football*, tiġrijiet taż-żwiemel, *waterpolo* u ċikliżmu fejn id-distanzi u l-kejl tat-tul għandhom sehem importanti, qed jiġu mibdula għal qisien metriċi din is-sena skond kif inhu ippjanat mill-Gvern li jdaħħal is-sistema ta' unitajiet internazzjonali (SI).

TV Malta u Cable Radio, flimkien mal-Kumitat għad-dħul tas-Sistema Metrika, qed jagħmlu mill-aħjar biex inisslu fl-i*sportsmen* u f'dawk li jsegwu l-logħba favorita tagħhom għarfien tal-ħtieġa li jidraw il-qisien metriċi li għandhom jintużaw.

Il-Ministeru tax-Xogħol u Sports li qed jagħmel minn kollox biex igħaddi 'l quddiem l-i*sports* f'Malta u f'Għawdex qed igħin il-Kumitat billi jdaħħal fl-imħuħ ta' dawk li jieħdu sehem, il-bżonn ta' l-użu tas-sistema metrika fl-i*sports*.

Il-Kumitat għadqastant jagħmel appell lill-klabbs ta' l-i*sports* biex igħinu lill-Gvern fl-introduzzjoni tal-kejl lineari metriku fl-inqas żmien possibbli qabel l-aħħar ta' din is-sena 1977. Din il-bidla għandha twassal il-pubbliku sportiv Malti biex ilaħħaq man-nazzjonijiet kbar tad-dinja u b'hekk tagħtihom opportunità li jistgħu jsegwu aħjar l-i*sports* internazzjonali mmexxi b'qisien magħrufa mad-dinja kollha.

Il-Kumitat jagħti l-għajnuna kollha lil klabbs u għaqdiet oħra ta' l-i*sports* li jkollhom bżonn iżjed tagħrif u għajnuna fl-użu tas-sistema metrika.

## Ir-Rapport tat-Temp jingħata biss bis-Sistema Metrika

Mill-1 ta' Novembru, 1977, l-informazzjoni dwar it-temp maħruġa mill-Uffiċċju Meteoroloġiku għax-xandir se jibda jingħata biss bis-sistema Metrika. Dan ifisser li għal li ġej, it-temperatura tingħata bi gradi Celsius (°C), kemm niżlet xita tintwera f'millimetri (mm), il-pressjoni atmosferika f'millibars (mb) u l-viżibiltà f'kilometri (km).

## Metric in Sports

With the introduction of SI units, sports will have to go metric as well. Favourite sports like football, horse-racing, waterpolo and cycling wherein distances and linear measures form an important part are being converted to metric units this year in accordance with Government's policy in adopting the international system of units (SI).

TV Malta and Cable Radio in association with the Committee on Metrication are endeavouring to instil in all sportsmen and followers of their favourite game an awareness of the need to familiarize themselves with the metric units to be used.

The Ministry of Works and Sports which is striving hard to propagate sports in Malta and Gozo is also co-operating with the Committee to infuse in the minds of participants the necessity of metric use in sports.

The Metrication Committee therefore appeals to all sports clubs to co-operate with Government in introducing metric measures as early as possible before the end of 1977. This change will bring our sporting public in line with the major countries of the world and will also afford them better following of sports which is conducted in internationally accepted units.

The Committee will extend all possible assistance to clubs and other sports organisations which may need further information and help in the introduction of metric units.

## Weather Report to be given only in Metric Units

As from 1 November, 1977, weather information provided to the general public and news media by the Meteorological Office will be given in metric units only. This means that, in future, temperature will be given in degree Celsius (°C), rainfall will be given in millimetres (mm), atmospheric pressure in millibars (mb) and visibility in kilometres (km).

Il-Kumitat dalwaqt se joħroġ kartellun li juri bi gradi Celsius ċerti temperaturi importanti marbutin mat-temp tal-gżejjer Maltin skond l-istaġuni. Il-medja ta' kemm għamlet xita fis-sena f'dawn l-aħħar tletin sena — 580 millimetri (23 inches) — se tidher ukoll.

**Pubblicità**

---

*Taqsima 'Metrika' fil-XXI Fiera Internazzjonali*

Għalkemm it-taqsima 'metrika' fil-XXI Fiera Internazzjonali ma kenitx kbira ħafna (fotografija paġna 7), madankollu ġibdet l-attenzjoni ta' eluf li żaru l-padiljun tal-Ministeru ta' l-Industrja, Sajd u Biedja li minnu kienet tagħmel sehem. Ir-riga li turi t-tul b'qies metriku kienet attrazzjoni kbira. Il-membru tal-Korp tal-Pijunieri li kien qed jieħu ħsieb jimmarka t-tul fuq din ir-riga kif ukoll iniżżel it-tulijiet tan-nies fuq kartonċini li ġew stampati għal din l-okkażjoni, kellu x'jagħmel tassew. Il-materjal ta' pubbliċità li tqassam matul il-Fiera kien apprezzat mill-pubbliku. Ħafna kienu dawk li staqsew dwar il-programm ta' din il-bidla speċjalment għal dak li jirrigwarda l-użin metriku li għandu jibda jintuża fl-1979 wara li jibda jseħħ l-użu tal-volum bil-qisien deċimali fl-1978.

L-opinjoni ġenerali kienet li l-padiljun metriku ħalla impressjoni tajba fuq dawk li marru jżuruh u sewa biex igħarraf il-pubbliku bil-ħtieġa li din il-bidla sseħħ skond il-programm imħabbar mill-Gvern.

*Intervista maċ-Chairman fuq TV Malta*

Is-Sur J. Cassar Pullicino, iċ-Chairman tal-Kumitat kien intervistat fuq TV Malta fis-27 ta' Ġunju, 1977 fil-programm "Nistaqsuha" dwar il-bidla għas-sistema metrika b'riferenza speċjali għall-użu tal-kejl lineari fl-1977, kif inhu ippjanat mill-Gvern. Qabel din l-intervista, djalogu drammatizzat bil-Malti fuq l-istess suġġett ġie muri għat-tieni darba.

The Committee will be issuing soon a poster which associates directly spot temperature in degrees Celsius with prevailing weather conditions as they affect the Maltese Islands. The average yearly rainfall over a period of 30 years — 580 millimetres (23 inches) — is also given.

**Publicity**

---

*Metric Stand at XXI International Fair*

Although the metrication stand at the XXI International Fair was a modest one, (photo page 7), it had in fact drawn the attention of the many thousands that visited the pavilion of the Ministry of Industry, Fisheries and Agriculture within which the stand was erected. The height measure in metric at the stand was an added attraction. The member of the Pioneer Corps who operated the measure and also recorded the height on cards printed purposely for the occasion had a very busy time indeed. The publicity material distributed during the period of the Fair was very well received. There were many who enquired about the programmed changeover especially in regard to metric weights which are due to come into effect in 1979 following the introduction of metric volume in 1978.

The consensus of opinion is that the metrication stand had a good impact on the visitor and helped to make the public conscious of the change to which Government is committed.

*Chairman interviewed on TV Malta*

Mr J. Cassar Pullicino, Chairman of the Committee was interviewed on TV Malta on June 27, 1977 in the programme entitled "Nistaqsuha" regarding the changeover to metrication with special reference to the adoption of linear measures in 1977 as programmed by Government. Prior to this interview a dramatised dialogue in Maltese on the same subject was shown for the second time.

*Tabelli fit-Terminus tal-Karrozzi, il-Belt*

Żewġ tabelli kbar li juru f'kilometri mill-Belt Valletta għaċ-ċentru ta' kull belt u raħal u mill-Belt Victoria għall-irħula ta' Għawdex ġew imqegħdin ħdejn it-terminus tal-karrozzi tal-linja barra Bieb il-Belt għall-informazzjoni tal-popolazzjoni lokali kif ukoll tat-turisti. Tabella bħal din se titwaħħal ukoll f'Għawdex. (Fotografija paġna 11).

*Pubbliċità oħra*

F'Settembru 1977 il-Kumitat ħareġ kartonċina li turi l-prezz bil-metru ta' drappijiet, twapet, *wire, plastic,* eċċ. imqabbel ma' dak bil-jarda sa l-eqreb 5 milleżmi. Il-kartonċina turi wkoll ekwivalenti metriċi ta' ċerti tulijiet. (Fotografija paġna 10).

Qed jiġi preparat kartellun li juri temperaturi tat-tisjir bi gradi Celsius.

Is-Sotto-Kumitat għamel arranġamenti mat-TV Malta biex minn Ottubru 1977 jibda jintwera tagħrif fil-qosor dwar il-kejl metriku (SI) li jgħin fl-edukazzjoni tal-pubbliku għall-użu ta' qisien metriċi. Barra minn dan, it-TV Malta se terġa' turi l-film "Simply Metric", produzzjoni tal-"Metrication Board" ta' l-Ingilterra, li ġiebu għall-wiri l-British Council f'Malta.

*Posters at Bus Terminus, Valletta*

Two large posters showing distances in kilometres from Valletta to the centre of the various towns and villages and from Victoria to villages in Gozo have been erected near the bus terminus outside City Gate for the benefit of the local population and tourists alike. A similar poster will be erected in Gozo. (Photo page 11).

*Other Publicity*

In September 1977 the Committee issued a pocket chart showing price per metre of fabrics, wire, plastic sheeting, etc. compared with price per yard, to the nearest 5 mils. The card also contains metric equivalents of certain measures of length. (Photo page 10).

A poster giving cooking temperatures in degrees Celsius is also being prepared.

The Publicity Sub-Committee finalised arrangements with TV Malta to show as from October 1977 spot announcements on the introduction of SI Units which will help to educate the public in the application and use of metric measures. Besides, TV Malta will be showing once more the film "Simply Metric" produced by UK Metrication Board, and made available for viewing by the British Council in Malta.




**Li 'stand' fil-XXI Fiera Internazzjonali ta' Malta.**

## Tabella ta' Ekwivalenzi Metrići
*Metric Conversion Tables*

### Tabella ta' Ekwivalenza ta' Tulijiet
*Conversion Table of Length*

| Pulzieri *Inches* | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċentimetri *Centimetres* | 2.54 | 5.08 | 7.62 | 10.16 | 12.70 | 16.24 | 17.78 | 20.32 | 22.86 | 25.40 | 27.94 | 30.48 | (approx 0.3m) |

| Piedi Feet | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Metri *Metres* | 0.3 | 0.6 | 0.9 | 1.2 | 1.5 | 1.8 | 2.1 | 2.4 | 2.7 | 3.0 |

| Mili *Miles* | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kilometri *Kilometres* | 1.6 | 3.2 | 4.8 | 6.4 | 8.0 | 9.7 | 11.3 | 12.9 | 14.5 | 16.1 |

### Tabella ta' Ekwivalenzi tal-Area
*Conversion Table of Area*

| Pulzieri Kwadri *Square Inches* | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ċentimetri Kwadri *Square Centimetres* | 6.45 | 12.90 | 19.36 | 25.81 | 32.26 | 38.71 | 45.16 | 51.61 | 58.06 | 64.52 |

| Piedi Kwadri *Square Feet* | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Metri Kwadri *Square Metres* | 0.09 | 0.19 | 0.28 | 0.37 | 0.46 | 0.58 | 0.65 | 0.74 | 0.84 | 0.93 |

### Ekwivalenzi Maltin
*Maltese Equivalent*

**Tul** — *Length*

| Qasab *Canes* | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Metri *Metres* | 2.1 | 4.2 | 6.3 | 8.4 | 10.5 | 12.6 | 14.7 | 16.8 | 18.9 | 21.0 |

**Area**

| Qasab Kwadri *Square Canes* | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Metri Kwadri *Square Metres* | 4.39 | 8.78 | 13.17 | 17.56 | 21.96 | 26.35 | 30.74 | 35.13 | 39.52 | 43.91 |

| Tumoli *Tmien* | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ettari *Hectares* | 0.11 | 0.22 | 0.34 | 0.45 | 0.56 | 0.67 | 0.79 | 0.90 | 1.01 | 1.12 |

### Tabella ta' Ekwivalenzi ta' Temperatura
*Conversion Table of Temperature*

| Degrees Fahrenheit | 0 | 10 | 20 | 30 | 32* | 40 | 50 | 60 | 70 | 80 | 90 | 100 | 200 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Degrees Celsius | —17.8 | —12.2 | —6.7 | —1.1 | 0* | 4.4 | 10.0 | 15.6 | 21.1 | 26.7 | 32.2 | 37.8 | 93.3 |

***. Ilma jinġazza**
*Water freezes*

## Tabella ta' Ekwivalenzi Metriċi

*Metric Conversion Table*

**Qlib bejn wieħed u ieħor ta' miżuri metriċi**

*Approximate conversions to metric measures*

| META TAF *WHEN YOU KNOW* | IMMULTIPLIKA BI *MULTIPLY BY* | BIEX ISSIB *TO FIND* | SIMBOLU *SYMBOL* |
|---|---|---|---|
| | **Tul** — *Length* | | |
| Pulzieri *Inches* | 2.5 | Ċentimetri *Centimetres* | cm |
| Piedi *Feet* | 0.3 | Metri *Metres* | m |
| Jardi *Yards* | 0.9 | Metri *Metres* | m |
| Qasab *Canes* | 2.1 | Metri *Metres* | m |
| Mili *Miles* | 1.6 | Kilometri *Kilometres* | km |
| | **Area** | | |
| Pulzieri kwadri *Square inches* | 6.5 | Ċentimetri kwadri *Square centimetres* | $cm^2$ |
| Piedi kwadri *Square feet* | 0.09 | Metri kwadri *Square metres* | $m^2$ |
| Jardi kwadri *Square yards* | 0.8 | Metri kwadri *Square metres* | $m^2$ |
| Qasab kwadri *Square canes* | 4.4 | Metri kwadri *Square metres* | $m^2$ |
| Tmien *Tumoli* | 0.11 | Ettari *Hectares* | ha |
| Akri *Acres* | 0.4 | Ettari *Hectares* | ha |
| | **Temperatura (eżatta)** — *Temperature (exact)* | | |
| Fahrenheit | | Celsius | °C |

$$°F - 32 \times 5/9 = °C$$



# MALTA TAQLEB GĦAS-SISTEMA METRIKA

## DISTANZI F'KILOMETRI (km)

## 8 KILOMETRI (km) JAGĦMLU 5 MILI

### MALTA

*Mill-Belt* / From *Valletta*

| | * km |
|---|---|
| Attard | 7.50 |
| Armier | 25.00 |
| Balzan | 6.50 |
| Birkirkara | 4.50 |
| Birżebbuġa | 11.00 |
| Ċirkewwa | 26.00 |
| Cospicua | 7.50 |
| Dingli | 13.50 |
| Fgura | 6.75 |
| Floriana | 0.50 |
| Gudja | 11.25 |
| Gżira | 4.00 |
| Għadira | 21.50 |
| Għajn Tuffieħa | 20.25 |
| Għar Lapsi | 13.25 |
| Għargħur | 10.25 |
| Għaxaq | 9.00 |
| Ħamrun | 2.25 |
| Kalafrana | 13.00 |
| Kalkara | 10.00 |
| Kirkop | 10.00 |
| Lija | 7.00 |
| Luqa | 6.25 |
| Manikata | 21.00 |
| Marfa | 25.00 |
| Marsa | 2.25 |
| Marsaxlokk | 11.00 |
| Mdina | 11.25 |
| Mellieħa | 20.25 |
| Mġarr | 15.00 |
| Mosta | 9.00 |
| Mqabba | 11.25 |
| Msida | 2.75 |
| Mtarfa | 11.50 |
| Naxxar | 8.75 |
| Paola | 5.00 |
| Qormi | 4.50 |
| Qrendi | 12.00 |
| Rabat | 10.75 |
| Safi | 11.50 |
| St. Julians | 7.75 |
| St. Paul's Bay | 16.25 |
| San Ġwann | 6.00 |
| Sta. Luċija | 6.75 |
| Senglea | 6.75 |
| Siġġiewi | 8.50 |
| Sliema | 5.00 |
| Tarxien | 5.75 |
| Vittoriosa | 7.75 |
| Wied il-Għajn (M'Scala) | 11.50 |
| Wied Iż-Żurrieq | 13.00 |
| Xgħajra | 10.50 |
| Żabbar | 8.00 |
| Żebbuġ | 7.00 |
| Żejtun | 8.50 |
| Żurrieq | 11.50 |

* Bejn wieħed u ieħor saċ-ċentru ta' kull post
* Approximately to the centre of each locality

### GĦAWDEX
(GOZO)

*Minn* / From *Victoria (Rabat)*

| | * km |
|---|---|
| Dwejra | 5.50 |
| Fontana | 1.25 |
| Għajnsielem | 5.25 |
| Għarb | 3.75 |
| Għasri | 2.75 |
| Kerċem | 1.50 |
| Marsalforn | 3.75 |
| Mġarr | 6.25 |
| Mġarr ix-Xini | 5.00 |
| Nadur | 5.75 |
| Qala | 7.00 |
| Ramla l-Ħamra | 8.00 |
| San Lawrenz | 4.00 |
| Sannat | 2.10 |
| Santa Luċija | 2.25 |
| Ta' Ċenċ | 3.00 |
| Xagħra | 4.00 |
| Xewkija | 2.75 |
| Xlendi | 3.00 |
| Żebbuġ | 3.25 |

### KEMMUNA
(COMINO)

*Minn* / From *Santa Marija*

| | |
|---|---|
| Marfa (Malta) | 6.50 |
| Mġarr (Gozo) | 3.75 |

*Mill-* / From *Marfa (Malta)*

| | |
|---|---|
| Mġarr (Gozo) | 6.00 |

## MALTA GOES METRIC

### DISTANCES IN KILOMETRES (km)

### 8 KILOMETRES (km) ARE EQUIVALENT TO 5 MILES

# MALTA TAQLEB GĦAS-SISTEMA METRIKA

## *ID-DRAPP ISSA QED JINBIEGĦ BIL-* METRU

**Il-metru fih ftit iżjed minn jarda;**
**għalhekk iqum ftit iżjed.**
**Din it-tabella turi l-prezz bil-metru,**
**imqabbel ma' dak bil-jarda, sa l-eqreb 5 milleżmi.**

| kull metru *per metre* | kull jarda *per yard* | kull metru *per metre* | kull jarda *per yard* |
|---|---|---|---|
| 1c | 1c | 17c | 15c5 |
| 2c | 2c | 18c | 16c5 |
| 3c | 2c5 | 19c | 17c5 |
| 4c | 3c5 | 20c | 18c5 |
| 5c | 4c5 | 30c | 27c5 |
| 6c | 5c5 | 40c | 36c5 |
| 7c | 6c5 | 50c | 45c5 |
| 8c | 7c5 | 60c | 55c |
| 9c | 8c | 70c | 64c |
| 10c | 9c | 80c | 73c |
| 11c | 10c | 90c | 82c5 |
| 12c | 11c | 100c (£M1) | 91c5 |
| 13c | 12c | £M2 | £M 1.83,0 |
| 14c | 13c | £M3 | £M2.74,5 |
| 15c | 13c5 | £M4 | £M3.66,0 |
| 16c | 14c5 | £M5 | £M4.57,0 |

# MALTA GOES METRIC

## *FABRICS ARE NOW SOLD BY THE* METRE

**A metre is a little longer than a yard**
**the cost per metre is therefore greater than the cost per yard.**
**This chart shows for prices per metre**
**how much you are paying for a yard to the nearest 5 mils.**

# METRIC WORLD 1976

## METRIC

Afghanistan
Albania
Algeria
Andorra
Angola
Argentina
Austria
Belgium
Benin
Bhutan
Bolivia
Brazil
Bulgaria
Burundi
Cambodia
Cameroon
Cape Verde
Central African Republic
Chad
Chile
China
China (Taiwan)
Colombia
Comoros
Congo
Costa Rica
Cuba
Czechoslovakia
Denmark
Dominican Republic
Ecuador
Egypt
El Salvador
Equatorial Guinea
Ethiopia
Finland
France
Gabon
German Democratic Republic
Germany (Federal Republic)
Greece
Guatemala
Guinea
Guinea-Bissau
Haiti
Honduras
Hungary
Iceland
India
Indonesia
Iran
Iraq
Israel
Italy
Ivory Coast
Japan
Jordan
Korea
Korea (North)
Kuwait
Laos
Lebanon
Libya
Liechtenstein
Luxembourg
Madagascar
Mali
Mauritania
Mexico
Monaco
Mongolia
Morocco
Mozambique
Nepal
Netherlands
Nicaragua
Niger
Norway
Panama
Paraguay
Peru
Poland
Portugal
Romania
Rwanda
San Marino
Sao Tome and Principe
Saudi Arabia
Senegal
Somalia
Soviet Union
Spain
Sudan
Surinam
Sweden
Switzerland
Syria
Thailand
Togo
Tunisia
Turkey
Upper Volta
Uruguay
Venezuela
Vietnam
Yugoslavia
Zaire

## GOING METRIC

Australia
Bahamas
Bahrain
Bangladesh
Barbados
Bermuda *
Botswana
Canada
Cyprus
Fiji
The Gambia
Ghana
Gibraltar *
Grenada
Guyana
Hong Kong *
Irish Republic
Jamaica
Kenya
Lesotho
Malawi
Malaysia
Maldives
Malta
Mauritius
Nauru
New Zealand
Nigeria
Oman
Pakistan
Papua New Guinea
Philippines
Qatar
Seychelles
Sierra Leone
Singapore
South Africa
Sri Lanka
Swaziland
Tanzania
Tonga
Trinidad and Tobago
Uganda
United Arab Emirates
United Kingdom
United States
Western Samoa
Zambia

**Countries not yet metric and which have not announced an intention to change**

**Brunei** **Burma** **Liberia** **Yemen (North)** **Yemen (South)**

* Dependent territories of the U.K.

Stamperija tal-Gvern